

Brussell, 29 ta' Settembru 2022  
(OR. en)

12866/22

---

**Fajl Interistituzzjonali:**  
**2022/0299(NLE)**

---

**SOC 522**  
**EMPL 366**  
**ECOFIN 944**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	29 ta' Settembru 2022
lil:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Nru dok. Cion:	COM(2022) 490 final
Suġġett:	Proposta għal RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL Dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 490 final.

---

Mehmuż: COM(2022) 490 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.9.2022  
COM(2022) 490 final

2022/0299 (NLE)

Proposta għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**Dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva**

{SWD(2022) 313 final}

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

**Biex niżguraw li fl-Unjoni kulħadd ikun jista' jgawdi ħajja b'dinjità huwa essenzjali li nibnu ekonomiji u soċjetajiet ġusti u reżiljenti.** Fil-linji gwida politiċi tagħha<sup>1</sup>, il-President tal-Kummissjoni, Ursula von der Leyen, esprimiet aspirazzjoni għal Ewropa li tistinka għal aktar ġustizzja soċjali u prosperità. Din l-inizjattiva hija t-twettiq tal-ambizzjoni u l-impenn tal-Unjoni li tippromwovi ekonomiji aktar inklużivi u tiżgura li ħadd ma jitħalla lura.

**Minkejja politiki għall-ġlieda kontra l-faqar u t-titjib matul l-aħħar deċennju, ir-riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali affettwa lil aktar minn 95,4 miljun Ewropew fl-2021.** F'ħafna Stati Membri kien hemm żieda matul l-aħħar għaxar snin fir-riskju tal-faqar għal persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjieg<sup>2</sup>, li aggravat fil-fond u fil-persistenza tal-faqar u tnaqqis fl-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar. Sal-2020, l-ekonomija tal-Unjoni kompliet tespandi, bl-impjiegi li laħqu l-ogħla livell li qatt ġie rreġistrat u l-qgħad reġa' lura għal-livelli ta' qabel l-2008. Madankollu, il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal skoss ekonomiku. L-Unjoni u l-Istati Membri żiedu l-protezzjoni soċjali konsiderevolment, u pprovdew rispons komprensiv għall-isfidi soċjali mingħajr preċedent li rriżultaw. Xorta waħda, il-miżuri ta' konfinament kellhom impatt sproporzjonat fuq in-nisa u fuq il-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, speċjalment f'termini tal-piż oġhla tax-xogħol tal-kura informali u tal-aċċess aktar limitat għall-kura tas-saħħa, għall-edukazzjoni u għas-servizzi soċjali rilevanti, filwaqt li aggravaw ukoll il-limitazzjonijiet preeżistenti fl-aċċess għall-impjiegi.

Aktar reċentement, wara l-aggressjoni illegali u mhux ġustifikata tar-Russja kontra l-Ukrajna, iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u l-inflazzjoni dejjem tiela' jaffettwaw partikolarment unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju inferjuri, peress li, ġeneralment, is-sehem tal-konsum tal-enerġija u tal-ikel mill-introjtu kumplessiv tagħhom ikun oġhla.

Il-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali u d-dritt għal introjtu minimu adegwat għandhom rwol ċentrali fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-prinċipju 14 tal-Pilastru jiddikjara li *"Kull min ma għandux riżorsi suffiċjenti għandu d-dritt għal benefiċċji minimi ta' introjtu adegwati li jiżguraw ħajja f'dinjità fl-istadji kollha tal-ħajja, u għal aċċess effettiv li jippermetti prodotti u servizzi. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, il-benefiċċji ta' introjtu minimu għandhom jitħalltu ma' inċentivi għal(ri)integrazzjoni fis-suq tax-xogħol"*. Fl-4 ta' Marzu 2021, il-Kummissjoni adottat il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li ntlaxxa' tajjeb mill-mexxejja tal-Unjoni fis-Summit ta' Porto fit-8 ta' Mejju 2021. Il-Kunsill Ewropew<sup>3</sup> stabbilixxa l-miri ewlenin għall-2030 fl-oqsma tal-faqar, tal-impjiegi, kif ukoll fil-qasam tal-ħiliet. Sal-2030, in-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għandu jitnaqqas b'tal-anqas 15-il miljun, inklużi tal-anqas 5 miljun tifel u tifla; tal-anqas 78 % tan-nies bejn 20 u 64 sena għandu jkollhom impjieg; u, kull sena, 60 % tal-adulti għandhom jipparteċipaw f'taħriġ. F'Ġunju 2022, l-Istati Membri ppreżentaw il-miri nazzjonali tagħhom sabiex jappoġġaw din l-ambizzjoni.

<sup>1</sup> [political-guidelines-next-commission\\_mt\\_0.pdf\(europa.eu\)](#)

<sup>2</sup> Persuni li għandhom bejn 0 u 59 sena, li jgħixu f'unitajiet domestiċi, fejn l-adulti fl-età tax-xogħol (18-59) jaħdmu anqas minn 20 % tal-potenzjal totali tax-xogħol tagħhom matul l-aħħar sena.

<sup>3</sup>

**Ix-xbieki ta' sikurezza soċjali jgħinu sabiex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u d-disparitajiet fl-Istati Membri, u b'hekk tissaħħa il-konverġenza soċjali 'l fuq, filwaqt li tiġi promossa l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu.** Xbieki ta' sikurezza soċjali mfaċċjati tajjeb għandhom l-għan li jiggarrantixxu li kulħadd ikollu livell suffiċjenti ta' riżorsi sabiex jiżgura ħaġġa dinjituża u jkun jista' jipparteċipa fil-ħaġġa ekonomika u soċjali, inkluż is-suq tax-xogħol. Dawn huma partikolarment importanti għall-persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi li ma għandhomx biżżejjed riżorsi, jiġifieri dawk li għandhom riżorsi monetarji u materjali insuffiċjenti, irregolari jew inċerti, li huma indispensabbli għas-saħħa u għall-benessri tagħhom u għall-inklużjoni soċjali u għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Għal dan l-għan, ix-xbieki ta' sikurezza soċjali jinkludu appoġġ għall-introjtu u diversi benefiċċji u servizzi *in natura* pprovduti lil dawk fil-bżonn.

**L-appoġġ għall-introjtu** jikkonsisti f'firxa ta' benefiċċji monetarji li jindirizzaw bżonnijiet differenti. Tali benefiċċji monetarji jistgħu jinkludu, pereżempju, benefiċċji tat-tfal u tal-familja, allowances għall-akkomodazzjoni, benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji tad-diżabilità, benefiċċji marbutin mal-età jew benefiċċji relatati max-xogħol kif ukoll il-benefiċċji tal-introjtu minimu.

Il-benefiċċji ta' **introjtu minimu**<sup>4</sup> għandhom rwol speċjali fl-appoġġ monetarju kumplessiv għall-introjtu peress li jimmiraw li jsostnu biex jintlaħaq ċertu livell ta' introjtu kumplessiv f'unità domestika partikolari. Huma benefiċċji nonkontributorji u soġġetti għal test tal-mezzi tal-aħħar rimedju għall-unitajiet domestiċi mingħajr riżorsi suffiċjenti, meta sorsi oħrajn ta' introjtu jew ta' benefiċċji jkunew eżawriti jew ma jkunux adegwati sabiex jiżguraw ħaġġa dinjituża. Ġeneralment, jiġu kkomplementati b'assistenza u b'inċentivi adattati għall-aċċess għas-suq tax-xogħol, b'miżuri li jrawmu l-inklużjoni soċjali u l-forniment ta' servizzi ta' kwalità. B'dan il-mod, l-iskemi ta' introjtu minimu - li jintegraw it-tliet fergħat rinforzanti - ma humiex għodda passiva iżda jaġixxu, kemm jista' jkun, bħala punt ta' tluq sabiex itejbu l-prospetti tal-inklużjoni u tal-impjiegi.

**Skemi tal-introjtu minimu mfaċċjati kif support jistgħu jaġixxu bħala stabbilizzaturi awtomatiċi.** Fi żminijiet ta' reċessjoni ekonomika, jistgħu jikkontribwixxu għall-appoġġ ta' rkupru sostenibbli u inklużiv, jgħinu sabiex jiġi mitigat it-tnaqqis fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi u jrażżnu l-livelli ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Jista' jkollhom ukoll effett stabbilizzanti fuq id-domanda kumplessiva għall-oġġetti u għas-servizzi<sup>5</sup>. Skemi ta' introjtu minimu mfaċċjati tajjeb jilħqu l-bilanċ it-tajjeb bejn it-tnaqqis tal-faqar, inċentivi għax-xogħol u kostijiet baġitarji sostenibbli.

Il-livell kumplessiv ta' appoġġ għall-introjtu għandu jiżgura ħaġġa dinjituża filwaqt li dejjem għandu jħallas għax-xogħol, u s-sistemi ta' protezzjoni soċjali għandhom ikunu fiskalment sostenibbli. L-introjtu minimu jeħtieġ li jkun akkumpanjat minn inċentivi suffiċjenti għall-persuni li jistgħu jaħdmu sabiex jidħlu (lura) fis-suq tax-xogħol sabiex jaqdu r-rwol stabbilizzanti tagħhom u sabiex jiġu evitati effetti ta' istereżi detrimental li jwasslu għal livelli aktar baxxi ta' impjiegi. Introjtu minimu deżinjat kif xieraq, flimkien ma' miżuri

<sup>4</sup> Il-benefiċċji tal-introjtu minimu ma jikkorrispondux għall-introjtu bażiku universali li jimplika appoġġ għall-introjtu mhux kundizzjonali għal kulħadd, mingħajr testijiet tal-mezzi jew rekwiżit li taħdem.

<sup>5</sup> Il-Parlament Ewropew (2010): L-istudju "The Role of Social Protection as Economic Stabiliser: Lessons from the Current Crisis".

effettivi ta' attivazzjoni tax-xogħol, jista' jkun għodda importanti sabiex tintlaħaq il-mira tal-Unjoni għall-impjiegi għall-2030 u sabiex jiġu appoġġati wkoll l-attivazzjoni ta' adulti żgħażaġh u l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

**Bħala parti mix-xbieki ta' sikurezza soċjali tagħhom u minbarra l-benefiċċji monetarji, l-Istati Membri jipprovdu wkoll benefiċċji *in natura*.** Dawn jinkludu, pereżempju, akkomodazzjoni soċjali, tariffi mnaqqsa għal ċerti servizzi (eż. trasport pubbliku, gass, enerġija u kostijiet oħrajn tal-utilitajiet) jew appoġġ immirat sabiex ikopri l-kostijiet tal-indukrar tat-tfal jew tal-kura tas-saħħa mill-but, inkluż f'kura tas-saħħa maternali u tat-trabi. Filwaqt li l-benefiċjarji tal-introjtu minimu x'aktarx li jibbenefikaw minn dawn, mhux dejjem jiġu integrati mal-introjtu minimu u ma jintużawx mill-benefiċjarji kollha tal-introjtu minimu. L-evidenza turi li l-użu ta' xi wħud minn dawn is-servizzi (eż. l-indukrar tat-tfal) huwa aktar baxx għall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx minkejja l-appoġġ addizzjonali pprovdut.

**Għalkemm l-Istati Membri kollha għandhom xbieki ta' sikurezza soċjali fis-seħħ, il-progress sabiex isiru aċċessibbli u adegwati kien irregolari.** Filwaqt li t-tfassil ivarja fost l-Istati Membri, u jirrifletti tradizzjonijiet nazzjonali differenti u l-arkitettura kumplessiva tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, l-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi simili, kif muri mill-analiżi u mir-rakkomandazzjonijiet rikorrenti speċifiċi għall-pajjiżi tas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, id-diskussjonijiet tematiċi taħt il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni enfasizzaw sfidi reċiproċi, partikolarment dwar in-nuqqas ta' użu tal-benefiċċji u dwar l-appoġġ lill-benefiċjarji sabiex jipparteċipaw fis-suq tax-xogħol u jintegraw fis-soċjetà.

### *Sfidi*

**L-iżgurar tal-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu huwa sfida fi kważi l-Istati Membri kollha, anki minħabba l-iżviluppi fil-pagi.** L-adegwatezza tista' titkejjel billi jitqabbel l-introjtu kumplessiv tal-benefiċjarji mas-soll nazzjonali tal-faqar<sup>6</sup> (bħala indikazzjoni tal-effett tat-tnaqqis tal-faqar) u mal-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa<sup>7</sup> (bħala indikazzjoni tal-inċentivi finanzjarji assoċjati mal-parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol). Filwaqt li jvarjaw fost l-unitajiet domestiċi, iż-żewġ indikaturi jipprovdu riżultati simili, billi jindikaw li pagi baxxi huma qrib is-soll tal-faqar u l-benefiċċji jinsabu f'livell saħansitra aktar baxx. Fl-2019, l-introjtu ta' benefiċjarju ta' appoġġ għall-introjtu (persuna mhux miżżewġa) kien taħt it-80 % tas-soll tal-faqar fi 22 Stat Membru, filwaqt li l-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa laħaq jew kien oġhla mis-soll tal-faqar fl-Istati Membri kollha. Għall-unitajiet domestiċi bit-tfal, l-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu hija ġeneralment oġhla konsiderevolment (bħala medja b'madwar 10 sa 20 punti perċentwali).

Il-frekwenza baxxa tar-reviżjonijiet tal-appoġġ għall-introjtu tista' tirriżulta f'benefiċċji li ma jżommux il-pass mal-iżviluppi fil-pagi, f'żidiet fl-għoli tal-ħajja, fil-prezzijiet jew fl-inflazzjoni (speċjalment tal-ikel u tal-enerġija) u b'hekk ikomplu jnaqqsu l-adegwatezza

<sup>6</sup> Imkejjejl bir-rata ta' riskju ta' faqar (60 % tal-introjtu ekwivalizzat medjan tal-unitajiet domestiċi wara t-trasferimenti soċjali).

<sup>7</sup> Fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, l-Istati Membri kien hemm qbil dwar qafas ta' parametraġġ referenzjarju fil-qasam tal-benefiċċji tal-introjtu minimu għall-popolazzjoni fl-età tax-xogħol. Ġew identifikati tliet lievi ta' politika ewlenin li x'aktarx jaffettwaw il-prestazzjoni tagħhom: (1) l-adegwatezza tal-benefiċċji, (2) ir-regoli tal-eliġibbiltà u l-użu tal-benefiċċji, u (3) l-attivazzjoni u l-aċċess għas-servizzi. L-Istati Membri qablu fuq żewġ indikaturi sabiex ikejlu l-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu fi flus: (i) bħala sehem mis-soll nazzjonali tar-riskju ta' faqar fl-Istat Membru konċernat; u (ii) bħala sehem mill-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa, definit bħala persuna li taqla' 50 % tal-paga medja. L-introjtu tal-ħaddiem b'paga baxxa jintuża bħala indikatur għall-paga minima, peress li mhux fil-pajjiżi kollha teżisti l-paga minima.

tagħhom. F'numru kbir ta' Stati Membri, l-istabbiliment u l-iskalar tal-livell ta' benefiċċji tal-introjtu minimu ma humiex ibbażati fuq metodoloġija robusta, u lanqas ma huma marbutin ma' valuri jew ma' indikaturi ta' referenza fuq bażi statistika. Sistemi ta' indiċjar awtomatiku li jaġġustaw l-ammont ta' appoġġ għall-introjtu fuq bażi regolari sabiex iqisu l-bidliet fl-għoli tal-ħajja jiġu applikati f'madwar terz tal-Istati Membri.

L-adeqwatezza tal-appoġġ għall-introjtu, u partikolarment tal-benefiċċji tal-introjtu minimu baqgħet kważi l-istess bħala medja fl-Unjoni f'dawn l-aħħar għaxar snin, minkejja titjib żgħir f'dawn l-aħħar snin. Ġiet osservata xi konverġenza, partikolarment minħabba skemi ġodda ta' introjtu minimu introdotti f'diversi Stati Membri. Bil-maqlub, kien hemm xi deterjorament sinifikanti f'termini ta' adegwatezza mill-2009 f'numru ta' Stati Membri fejn ir-rati kienu diġà taħt il-medja tal-Unjoni<sup>8</sup>.

**It-tieni sfida komuni hija dwar il-kopertura tal-introjtu minimu, b'madwar 20 % tal-persuni mingħajr impjeg f'riskju ta' faqar li ma humiex eliġibbli li jirċievu appoġġ għall-introjtu.** Ċerti gruppi jiffaċċjaw diffikultajiet partikolari sabiex ikollhom aċċess għalihom. Ir-rekwiżiti tal-età (pereżempju l-limitu tal-età huwa stabbilit ogħla minn 18-il sena f'ħames Stati Membri) jistgħu jillimitaw l-aċċess ta' adulti żgħażaġh. Filwaqt li r-restrizzjonijiet fuq in-nazzjonalità għandhom impatt limitat fuq l-eliġibbiltà<sup>9</sup>, il-kriterji relatati mat-tul minimu tar-residenza legali (regolat fi ftit Stati Membri, u jvarja minn sena sa għaxar snin) jistgħu jillimitaw l-aċċess għal applikanti nonnazzjonali. Barra minn hekk, l-obbligi bħal li persuna jkollha indirizz permanenti jew kont bankarju huma ostakli għal persuni mingħajr dar jew għal persuni marġinalizzati li jgħixu f'żoni żvantaġġati (eż. insedjamenti tar-Rom).

Filwaqt li l-ittestjar tal-mezzi huwa element essenzjali sabiex jiġi żgurat l-immirar xieraq tal-introjti minimi, tista' tirriżulta wkoll kopertura insuffiċjenti mill-ittestjar tal-mezzi jekk dan ikun sever iżżejjed. L-ittestjar tal-mezzi jeżamina r-riżorsi - kemm jekk l-introjtu, l-assi, il-beni immobbli jew il-beni mobbli - tal-membri kollha tal-unitajiet domestiċi. Fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, is-soll użat fl-ittestjar tal-mezzi jirrappreżenta l-livell massimu tal-benefiċċju pprovdut (u l-benefiċċji tal-introjtu minimu jintużaw sabiex jissupplimentaw l-introjtu tal-unità domestika għal dan il-livell). F'xi Stati Membri, jekk is-soll jiġi stabbilit f'livell baxx, it-test tal-mezzi jista' jeskludi mill-eliġibbiltà għall-introjtu minimu numru importanti ta' unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u ta' ħaddiema foqra. Barra minn hekk, kopertura mhux kompleta tista' tirriżulta minn disinn strett wisq tat-test tal-assi, li jiġġenera sitwazzjonijiet li fihom unità domestika tiġi eskluża mill-introjtu minimu minħabba kontabbiltà sproporzjonata ta' assi ta' valur baxx<sup>10</sup>.

Fl-aħħar nett, il-benefiċċji jistgħu ma jkunux distribwiti adegwatement fost il-membri tal-unitajiet domestiċi, peress li d-dritt li jintalbu l-benefiċċji huwa limitat għall-kap tal-unità domestika. Fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi, in-nisa normalment ma jitqisux bħala kapijiet tal-unitajiet domestiċi ħlief jekk l-ebda raġel adult ma jkun qed jgħix permanentement fl-unità domestika<sup>11</sup>. Fi ftit Stati Membri biss, id-dritt li individwi tal-unitajiet domestiċi jirċievu l-benefiċċji huwa permess f'każijiet speċifiċi, filwaqt li l-eliġibbiltà tkun għad trid tiġi ddeterminata fil-livell tal-unitajiet domestiċi. Mingħajr ma neċessarjament jiżdied il-livell kumplessiv tal-benefiċċji riċevuti fil-livell tal-unità domestika, is-soluzzjonijiet li jiffaċilitaw

<sup>8</sup> Ir-Rapport Konġunt mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kummissjoni Ewropea dwar l-Introjtu Minimiu (ċart 27).

<sup>9</sup> Fl-Istati Membri kollha, iċ-ċittadini nazzjonali u ċ-ċittadini ta' Stat Membru ieħor tal-UE (skont ir-regoli ġenerali għall-akkwist ta' residenza legali) huma eliġibbli għal introjtu minimu.

<sup>10</sup> Bħal propjetà li tintiret ta' valur baxx jew assi mobbli, tfaddil, eċċ.

<sup>11</sup> Sors: <https://eige.europa.eu/thesaurus/terms/1126>

ir-riċevuta ta' appoġġ għall-introjtu minn membri individwali tal-unità domestika jistgħu jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-indipendenza ekonomika u għas-sigurtà tal-introjtu tan-nisa u tal-adulti żgħażaġh.

Il-Pjanijiet nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRPs) taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jipprevedu riformi fl-Istati Membri, fejn l-isfidi għall-adeqwatezza u għall-kopertura tal-minimu ġew identifikati mir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi maħruġin fil-proċess tas-Semestru Ewropew<sup>12</sup>. Pereżempju, numru ta' investimenti jiffokaw fuq l-espansjoni jew fuq it-titjib tal-kwalità tas-servizzi soċjali, fuq il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku u fuq l-inklużjoni ta' gruppi vulnerabbli. Xi RRP għandhom ukoll l-għan li jżidu l-effettività u l-adeqwatezza tal-benefiċċji soċjali, inkluż l-introjtu minimu.

**It-tielet, in-nuqqas ta' użu tal-introjtu minimu jidher li huwa pjuttost mifrux fl-Istati Membri kollha.** L-istimi disponibbli tan-nuqqas ta' użu tipikament ivarjaw minn 30 % sa 50 % tal-popolazzjoni eliġibbli. Dan jista' jiġi spjegat minn diversi fatturi, bħan-nuqqas ta' informazzjoni, il-kumplessità tal-aċċess, in-nuqqas ta' fiduċja fl-istituzzjonijiet u l-perċezzjoni tal-istigma. Jidher li ftit Stati Membri biss jiġbru informazzjoni dwar in-nuqqas ta' użu.

**Ir-raba', il-koordinazzjoni bejn il-politiki ta' appoġġ għall-introjtu u l-inċentivi għal (ri)integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu għadha insuffiċjenti.** Ix-xbieki tas-sikurezza soċjali għandhom ikunu mfassla b'tali mod li jiġu żgurati inċentivi għax-xogħol. Partikolarment, it-tfassil ta' appoġġ għall-introjtu ma għandux inaqqas l-inċentivi għax-xogħol jew joħloq nases tal-faqar (jew nases tal-pagi baxxi għall-persuni li jaħdmu u li jirċievu appoġġ għall-introjtu). F'xi każijiet, rati għoljin ta' rtirar tal-benefiċċji tal-introjtu minimu (ukoll fir-rigward ta' benefiċċji supplimentari) jew rata tat-taxxa effettiva marġinali għolja tista' tirriżulta f'inċentivi baxxi għad-dħul fid-dinja tax-xogħol. Filwaqt li huwa evidenti li l-introjtu mix-xogħol (diġà fil-livell tal-paga minima) għandu jkun ogħla mill-introjtu mill-benefiċċji, fatturi oħrajn jaffettwaw ukoll ir-rata ta' tranżizzjoni ta' riċevituri ta' introjtu minimu lejn ix-xogħol (eż. parteċipazzjoni u kwalità ta' konsulenza dwar ix-xogħol jew miżuri ta' attivazzjoni mfassla apposta oħrajn, defiċjenzi fil-ħiliet, kwistjonijiet relatati mas-saħħa, disponibbiltà tal-indukrar tat-tfal, eċċ).

Politiki attivi tas-suq tax-xogħol li jħeġġu t-tranżizzjoni lejn l-impjiegi jinkludu l-apprendiment tul il-ħajja, l-appoġġ u l-gwida personalizzati li jissodisfaw b'zonnijiet speċifiċi, il-promozzjoni ta' impjiegi ta' kwalità u ż-żamma tal-impjiegi u l-iffaċilitar tal-avvanz, f'konformità mal-kunċett ta' swieq tax-xogħol inklużivi<sup>13</sup>. Madankollu, f'hafta Stati Membri dawn il-miżuri ma humiex adattati biżżejjed għall-b'zonnijiet individwali tal-benefiċjarji ta' introjtu minimu li spiss ikunu l-aktar imbegħda mis-suq tax-xogħol.

**Filwaqt li l-parteċipazzjoni fil-programmi ta' attivazzjoni hija rekwiżit fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, jaf lanqas biss ikunu disponibbli miżuri adegwati.** Ir-rekwiżiti ta' attivazzjoni (u s-sanzjonijiet relatati) jeħtieġ li jkunu akkumpanjati minn servizzi ta' appoġġ bħall-konsulenza, l-ikkowċjar jew l-għajjnuna għat-ftittix ta' impjieg sabiex ikunu aktar effettivi u biex iħeġġu l-aċċettazzjoni tal-offerti ta' impjieg. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lill-adulti żgħażaġh barra mis-suq tax-xogħol jew li jkunu f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Sabiex jinġiebu lura fl-edukazzjoni, fit-taħriġ jew fis-suq tax-xogħol fl-iqsar żmien possibbli, ir-riċevuta ta' appoġġ għall-introjtu għandha tkun marbuta ma' miżuri ta' attivazzjoni partikolarment b'saħħithom li jappoġġawhom fil-kisba tal-esperjenza tax-

<sup>12</sup> Fil-Latvja, fil-Litwanja, fil-Kroazja, fi Spanja, fir-Rumanija u fil-Bulgarija.

<sup>13</sup> Ara r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol.

xogħol u fl-iżvilupp tal-ħiliet it-tajba għal dinja tax-xogħol li qed tinbidel, partikolarment dawk rilevanti għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Inċentivi pożittivi għad-dħul fid-dinja tax-xogħol, li jappoġġaw tranżizzjoni progressiva għas-suq tax-xogħol filwaqt li jżommu l-eleġibbiltà għall-introjtu minimu għal ċertu perjodu matul l-impjieg, ġeneralment jagħtu riżultati pożittivi. Il-kwalità u s-sostenibbiltà tal-impjegi offruti (jiġifieri impjegi ta' kwalità fit-tul) huma sfida wkoll. Il-parteċipazzjoni fi programmi ta' xogħlijiet pubbliċi hija jew obbligatorja jew l-alternattiva tal-ewwel rimedju għall-benefiċjarji f'madwar kwart tal-Istati Membri, minkejja l-fatt li x-xogħlijiet pubbliċi ġeneralment jitqiesu li għandhom ftit jew l-ebda impatt f'termini ta' appoġġ għal tranżizzjonijiet aktar fit-tul għall-impjegi. Ir-rwol tal-ekonomija soċjali huwa strumentali sabiex jiġu ffaċilitati l-opportunitajiet ta' impjieg għall-benefiċjarji tal-introjtu minimu. L-impjegi fl-ekonomija soċjali jistgħu jservu bħala pont lejn l-involviment fis-suq tax-xogħol miftuħ.

**Il-ħames, l-iżgurar ta' aċċess effettiv għal servizzi ta' sostenn u essenzjali ta' kwalità huwa neċessità wkoll.** Filwaqt li ma tistax titfassal lista eżawrjenti ta' servizzi ta' sostenn, tipikament huma jinkludu servizzi ta' sostenn ġenerali pprovduti lil kulħadd, bħall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, it-taħriġ u l-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa, u l-kura fit-tul. Kategorija speċifika ta' servizzi ta' sostenn, - servizzi ta' inklużjoni soċjali - tinkludi servizzi li jindirizzaw problemi speċifiċi ta' dawk l-aktar imbegħdin mis-suq tax-xogħol sabiex jgħinuhom jintegraw fis-soċjetà u fl-impjegi. Is-servizzi tal-inklużjoni soċjali jistgħu jinkludu xogħol soċjali, konsulenza, ikkwoċjar, mentoraġġ, appoġġ psikoloġiku u riabilitazzjoni. Barra minn hekk, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà tas-servizzi essenzjali, bħall-ilma, is-sanità, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali huma prerekwiżit fundamentali ta' kwalunkwe integrazzjoni soċjali ulterjuri. Għalkemm il-biċċa l-kbira ta' dawk is-servizzi huma fil-prinċipju disponibbli għall-popolazzjoni kollha, l-aċċess u l-affordabbiltà jistgħu jkunu problematiċi għan-nies li ma għandhomx biżżejjed riżorsi, partikolarment issa biż-żidiet attwali fil-prezzijiet tal-enerġija.

Iż-żieda drammatika fil-prezzijiet tal-enerġija qed tixxet pressjoni fuq unitajiet domestiċi vulnerabbli u qed tirkawża li tikkawża ħsara soċjali u ekonomika usa'. F'dawn iż-żminijiet turbulenti, il-fatt li jkun hemm xbieki ta' sikurezza soċjali sodi jikkontribwixxi sabiex jittaffa r-riskju ta' faqar enerġetiku. Partikolarment, l-introjtu minimu u l-aċċess għal servizzi essenzjali jistgħu jikkontribwixxu sabiex jittaffew l-impatti taż-żidiet fil-prezzijiet fuq dawk l-aktar vulnerabbli, filwaqt li jikkomplementaw miżuri strutturali oħrajn. Meta mqabblin mal-miżuri tal-prezzijiet, il-miżuri ta' appoġġ għall-introjtu ġeneralment jippermettu li l-appoġġ jiġi mmirat aħjar għal dawk fil-bżonn, u huma aktar kompatibbli mal-preservazzjoni tal-inċentivi sabiex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija.

**Is-sitta, il-persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi jiffaċċjaw ostakli multipli u kumplessi għall-inklużjoni u, għalhekk, jeħtieġu appoġġ individwalizzat.** Xi persuni huma disponibbli attivament sabiex (jerġgħu) jidħlu fis-suq tax-xogħol. Oħrajn jistgħu ma jkunux abbli li jaħdmu (immedjatament), bħal persuni b'diżabilità severa jew bi problemi tas-saħħa, dawk li ma għandhomx ħiliet soċjali bażiċi, dawk mingħajr dar, jew dawk li jieħdu ħsieb tfal żgħar jew adulti dipendenti. Għal dawk in-nies, il-politiki dwar l-inklużjoni soċjali huma ta' importanza primarja u jistgħu jagħmlu s-sejba ta' impjieg aktar faċli fi stadju aktar tard. Sabiex jipprovdur appoġġ individwalizzat, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri jwettqu valutazzjoni multidimensjonali tal-bżonnijiet. F'madwar nofs il-pajjiżi, titwettaq għall-persuni kollha li jgħixu f'unitajiet domestiċi li ma għandhomx biżżejjed riżorsi, filwaqt li fi grupp iżgħar ta' Stati Membri hija limitata għal gruppi speċifiċi (eż. persuni qiegħda għal perjodu speċifiku) jew tiġi pprovduta fuq bażi diskrezzjonarja. Madankollu, huma biss madwar nofs l-Istati Membri li jwettqu valutazzjoni multidimensjonali tal-bżonnijiet li joffru pjan ta'

inklużjoni mfassal apposta sabiex jindirizza l-ostakli għall-integrazzjoni soċjali, u, eventwalment, għall-impjiegi. Peress li proporzjon sinifikanti ta' beneficijarji tal-introjtju minimu x'aktarx li jkunu qiegħda fuq terminu twil, jiġu offruti ftehim ta' integrazzjoni f'impjieg, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol<sup>14</sup>.

**Fl-aħħar nett, l-implimentazzjoni effettiva ta' xbieki ta' sikurezza soċjali robusti hija mxekkla minn problemi ta' governanza.** L-ostakli ewlenin jinkludu koordinazzjoni insuffiċjenti bejn entitajiet differenti minħabba standards nieqsa ta' kooperazzjoni, assenza ta' skambju ta' informazzjoni, defiċenza ta' kapaċità umana tas-sengħa u riżorsi baxxi, inklużi infrastruttura fl-impjiegi pubbliċi u servizzi ta' sostenn. Dawn il-limitazzjonijiet joħolqu wkoll sfidi għall-monitoraġġ u għall-evalwazzjoni regolari tal-effettività - madwar nofs l-Istati Membri għandhom fis-seħħ mekkaniżmi ta' monitoraġġ regolari, filwaqt li f'oħrajn għadha ma ġietx stabbilita prattika bħal din.

**Għad fadal sfidi strutturali, li jiġġustifikaw xbieki ta' sikurezza soċjali b'saħħithom.** It-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali li qed taċċellera toffri tieqa ta' opportunità sabiex jiġi stimulat it- tkabbir ekonomiku u jinħolqu l-impjiegi. Xbieki tas-sikurezza soċjali mfasslin tajjeb u robusti jistgħu jgħinu sabiex dan il-potenzjal jintlaħaq bis-sħiħ billi jappoġġaw it-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol u parteċipazzjoni aktar attiva tan-nies li qed jiffaċċjaw żvantaġġ. Min-naħa l-oħra, il-kopertura insuffiċjenti minn benefiċċji bbażati fuq il-kontribuzzjonijiet (inkluż il-benefiċċji tal-qgħad u l-pensjonijiet futuri), ikkawżata mill-użu dejjem akbar ta' impjiegi mhux standard, tista' toħloq piżijiet addizzjonali għal skemi mhux kontributorji.

**F'dan il-kuntest, ix-xbieki ta' sikurezza soċjali u l-introjtju minimu partikolarment jeħtieġ li jiġu modernizzati u adattati sabiex titrawwem l-inklużjoni soċjali u sabiex jiġu appoġġati persuni li jistgħu jaħdmu fil-perkorsi tagħhom għal impjieg ta' kwalità.**

Is-salvagwardja ta' xbieki ta' sikurezza soċjali adegwati għall-protezzjoni ta' ħajja b'dinjità ilha preokkupazzjoni tal-Unjoni. Fl-1992, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni 92/441/KEE dwar kriterji komuni li jikkonċernaw riżorsi suffiċjenti u assistenza soċjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali<sup>15</sup>, li tipproponi bħala objettiv komuni l-istabbiliment ta' livell ta' introjtju minimu garantit u prinċipji u linji gwida sabiex jintlaħaq dak l-objettiv. Il-prinċipji ġenerali tal-qafas kienu jinkludu d-disponibbiltà attiva għax-xogħol jew għat-taħriġ vokazzjonali għal persuni li l-età, is-saħħa u s-sitwazzjoni tal-familja tagħhom jippermettu dan, u l-miżuri ta' integrazzjoni ekonomika u soċjali għal oħrajn. L-objettivi ta' dik ir-Rakkomandazzjoni ttennew u ssaħħew aktar bir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol<sup>16</sup>.

Filwaqt li jirrikonoxxi r-rilevanza ta' rispons ta' politika fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu indirizzati l-isfidi kurrenti, f'Ottubru 2020 il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni sabiex tibda aġġornament tal-qafas tal-Unjoni sabiex tappoġġa u tikkomplementa effettivament il-politiki

<sup>14</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (ĠU C 67, 20.2.2016).

<sup>15</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE dwar kriterji komuni li jikkonċernaw riżorsi suffiċjenti u assistenza soċjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali (ĠU L 245, 26.8.1992).

<sup>16</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (ĠU L 307, 18.11.2008).

tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-introjtu minimu nazzjonali<sup>17</sup>. Fir-Riżoluzzjoni tiegħu<sup>18</sup>, il-Parlament Ewropew appella lill-Istati Membri jintroduċu introjtu minimu adegwat, filwaqt li enfasizza r-rwol tal-protezzjoni tal-introjtu minimu bħala għodda għall-għieda kontra l-faqar.

**F'dan l-isfond u bil-ħsieb li tiġi żgurata ħajja b'dinjità fl-istadji kollha tal-ħajja, din ir-Rakkomandazzjoni timmira li tiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali billi tippromwovi appoġġ adegwat għall-introjtu, aċċess effettiv għal servizzi ta' sostenn u essenzjali għal persuni nieqsa minn riżorsi suffiċjenti u trawwim tal-integrazzjoni tas-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu, kif stabbilit mill-prinċipju 14 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. B'dan il-mod, timmira li tikseb livell għoli ta' impjiegi billi tikkontribwixxi attivament għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu. Dawn l-oġġettivi għandhom jintlaħqu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Istati Membri li jorganizzaw is-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom.**

Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv ġenerali, l-oġġettivi speċifiċi tal-inizjattiva huma:

- (a) li ttejjeb l-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu;
- (b) li ttejjeb il-kopertura u l-użu tal-introjtu minimu;
- (c) li ttejjeb l-aċċess għal swieq tax-xogħol inklużivi għal dawk li jistgħu jaħdmu;
- (d) li ttejjeb l-aċċess għal servizzi ta' sostenn u essenzjali;
- (e) li tippromwovi appoġġ individwalizzat;
- (f) li żżid l-effettività tal-governanza tax-xbieki ta' sikurezza soċjali fil-livell tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, kif ukoll il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ u ta' rapportar.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju 14 tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u se tkompli wkoll prinċipji oħrajn tal-Pilastru bħal dawk dwar “appoġġ attiv għall-impjiegi”, “protezzjoni soċjali”, “aċċess għas-servizzi essenzjali”, “edukazzjoni, taħriġ u apprendiment tul il-ħajja” u “opportunitajiet indaq”. Il-proposta tgħin sabiex tintlaħaq il-mira ewlenija dwar it-tnaqqis tal-faqar, u s-sottomira tagħha dwar il-faqar fost it-tfal, stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tappoġġa l-ilħuq tal-miri ewlenin dwar l-impjiegi, kif ukoll il-mira ewlenija dwar il-ħiliet.

Il-proposta tibni fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE dwar kriterji komuni li jikkonċernaw riżorsi suffiċjenti u assistenza soċjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali. Il-proposta hija koerenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti u tintroduċi elementi ġodda fejn ġie kkunsidrat li r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE ma kinitx biżżejjed u kien meħtieġ tevolvi skont il-bidliet soċjetali. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, din il-proposta għandha l-għan li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE, filwaqt li tiżgura li l-livell ta' protezzjoni miksub ma jonqosx.

<sup>17</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2020 “It-Tisħiħ tal-Protezzjoni tal-Introjtu Minim u għall-Għieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali matul il-Pandemija tal-COVID-19 u Lil Hinn Minnha”.

<sup>18</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-politiki dwar l-introjtu minimu bħala għodda biex jiġi trattat il-faqar (2016/2270(INI)).

Il-proposta tikkomplementa wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol. L-istrateġiji ta' inklużjoni attiva għandhom l-għan li jgħinu fl-integrazzjoni ta' dawk li jistgħu jaħdmu f'impjieg sostenibbli u ta' kwalità, u li jipprovdu biżżejjed riżorsi u appoġġ għall-ħajja dinjituża lil dawk li ma jistgħux. Din il-proposta tibni fuq l-esperjenza u fuq it-tagħlimiet meħudin mill-implimentazzjoni ta' dik ir-Rakkomandazzjoni u toffri l-possibbiltà li jiġu żviluppatti aktar l-elementi varji tagħha u li jiġu indirizzati l-lakuni li fadal.

L-inizjattiva proposta tibni fuq u tikkomplementa r-Rakkomandazzjoni tal-ILO dwar il-Protezzjoni Soċjali Bażika<sup>19</sup>, li ttiprovdi gwida lill-pajjiżi fl-estensjoni tal-kopertura tal-protezzjoni soċjali billi tipprijoritizza l-istabbiliment ta' limiti minimi nazzjonali ta' protezzjoni soċjali aċċessibbli għal dawk kollha fil-bżonn.

Il-proċess tas-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika u tal-impjieg enfasizza l-isfidi strutturali relatati ma' skemi tal-introjtu minimu u mal-elementi relatati bħall-inklużjoni soċjali u l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, b'numru ta' Stati Membri li rċevew rakkomandazzjonijiet relatati speċifiċi għall-pajjiżi. It-tabella ta' valutazzjoni soċjali riveduta<sup>20</sup> ssegwi l-prestazzjoni u x-xejriet fl-Istati Membri, u tippermetti lill-Kummissjoni timmonitorja l-progress fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi. Il-linji gwida tal-2022 għall-politiki dwar l-impjieg tal-Istati Membri jiddikjaraw li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali għandhom jiżguraw benefiċċji adegwati tal-introjtu minimu għal kull min ma għandux biżżejjed riżorsi u jippromwovu l-inklużjoni soċjali billi jħeġġu lin-nies jipparteċipaw attivament fis-suq tax-xogħol u fis-soċjetà, inkluż permezz tal-forniment immirat ta' servizzi soċjali. Għat-tisħiħ tal-ħidma analitika, ġie miftiehem qafas ta' parametraġġ referenzjarju fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u r-riżultati tiegħu ġew riflessi fir-Rapport Konġunt dwar l-impjieg, fir-rapporti tal-pajjiżi u fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.

Sabiex tinġabar kontinwament informazzjoni kurrentwali bħal din u jiġi ffaċilitat l-apprendiment reċiproku u l-iskambju ta' prattiki fi ħdan il-Metodu Miftuħ ta' Koordinazzjoni, l-istabbiliment ta' network ta' awtoritajiet nazzjonali responsabbli għall-introjti minimi (MINET) ippermetta djalogu strutturat regolari fost l-Istati Membri.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-inizjattiva hija komplementari u konsistenti wkoll ma' numru ta' inizjattivi oħrajn tal-Unjoni.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol<sup>21</sup> tirrakkomanda li l-Istati Membri jipprovdu appoġġ individwali lil dawk qiegħda fit-tul u tħeġġeġ koordinazzjoni aħjar tas-servizzi rilevanti.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom<sup>22</sup> għandha l-għan li tiżgura li dawn kollha jikkontribwixxu u jkollhom aċċess formali għal sistemi ta' protezzjoni soċjali effettivi, adegwati u trasparenti.

<sup>19</sup> The ILO Social Protection Floors Recommendation, 2012 (Nru 202).

<sup>20</sup> [Indikaturi tat-tabella ta' valutazzjoni soċjali - Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali - Eurostat \(europa.eu\)](#)

<sup>21</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (ĠU C 67, 20.2.2016).

<sup>22</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2019 dwar l-aċċess għall-protezzjoni soċjali għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom (ĠU C 387, 15.11.2019).

Din timmira partikolarment li tappoġġa lin-nies f'forom mhux standard ta' impjieg u ta' impjieg indipendenti li, minħabba l-istatus fl-impjieg tagħhom, ma humiex koperti biżżejjed minn skemi tas-sigurtà soċjali bbażati fuq kontribuzzjonijiet u, għalhekk, huma esposti għal inċertezza ekonomika oġhla.

Id-Direttiva dwar pagi minimi adegwati<sup>23</sup> tfitteż li tistabbilixxi qafas sabiex ittejjeb l-adegwatezza tal-pagi minimi u li żżid l-aċċess għall-ħaddiema għall-protezzjoni tal-paga minima, u b'hekk tikkontribwixxi għall-indirizzar tal-faqar fost dawk li jaħdmu u tan-nases tal-pagi baxxi.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjieg - It-tiżni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ<sup>24</sup> għandha l-għan li tiżgura li ż-żgħażaġh kollha taħt l-età ta' 30 sena jirċievu offerta ta' impjieg ta' kwalità tajba, edukazzjoni kontinwa, apprendistat jew internship fi żmien 4 xhur minn meta jsiru qiegħda jew minn meta jtilqu mill-edukazzjoni formali, b'hekk jiġu evitati l-faqar u l-esklużjoni soċjali tagħhom.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal<sup>25</sup> tistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu aċċess mingħajr ħlas u effettiv għat-tfal f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għal servizzi ewlenin kruċjali għall-iżvilupp u għall-benessri tagħhom, inkluż permezz ta' miżuri ta' integrazzjoni fis-suq tax-xoġhol għall-ġenituri u appoġġ għall-introjtu għall-familji u għall-unitajiet domestiċi.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni għal Appoġġ Attiv Effettiv għall-Impjieg (EASE)<sup>26</sup> tenfasizza l-importanza li jiġu żviluppatti u implimentati pakketti ta' politika koerenti, li jinkludu inċentivi għar-reklutaġġ u għat-tranżizzjoni, it-tiżni tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, u appoġġ imtejjeb mis-servizzi pubbliċi tal-impjieg.

L-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi 2019-2025<sup>27</sup> tirrikonoxxi l-proporzjon oġhla ta' nisa, partikolarment nisa anzjani, fil-faqar, minħabba d-differenzi bejn il-ġeneri fl-impjieg u fil-pagi u li, akkumulati tul il-ħajja jirriżultaw f'differenza wiesgħa fil-pensjonijiet.

Il-Qafas Strateġiku tal-UE għar-Rom u r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteciġazzjoni tar-Rom<sup>28</sup> jistiednu lill-Istati Membri sabiex jiġġieldu d-diskriminazzjoni multipla u strutturali kontra r-Rom, sabiex jiżguraw li sal-2030 il-maġġoranza tar-Rom jaħarbu mill-faqar u sabiex jieħdu miżuri aktar b'saħħithom fl-oqsma interrelatati tal-appoġġ għall-introjtu, tal-impjieg, tal-kura tas-saħħa u tas-servizzi soċjali, tal-akkomodazzjoni u tas-servizzi essenzjali.

<sup>23</sup> Żid referenza ladarba tiġi ppubblikata

<sup>24</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjieg - It-tiżni tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (ĠU C 372, 4.11.2020).

<sup>25</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021).

<sup>26</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/402 tal-4 ta' Marzu 2021 dwar appoġġ attiv effettiv għall-impjieg wara l-kriżi tal-COVID-19 (EASE) (ĠU L 80, 8.3.2021).

<sup>27</sup> [EUR-Lex - 52020DC0152 - MT - EUR-Lex \(europa.eu\)](#)

<sup>28</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021 dwar l-ugwaljanza, l-inklużjoni u l-parteciġazzjoni tar-Rom (ĠU C 93, 19.3.2021).

L-Istrateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030<sup>29</sup> għandha l-għan li tiżgura, fost l-oħrajn, li l-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jgawdu d-drittijiet tal-bniedem, ikollhom opportunitajiet indaqs u jkollhom aċċess ugwali sabiex jipparteċipaw fis-soċjetà u fl-ekonomija, kif ukoll li jkollhom protezzjoni soċjali adegwata, sabiex jiġi żgurat introjtu adegwat għal standard ta' għajxien deċenti għal persuni b'diżabilità u għall-familji tagħhom.

L-Aġenda l-ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa<sup>30</sup> tistabbilixxi pjan komprensiv sabiex tiġi żgurata l-ġustizzja soċjali u sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għal edukazzjoni u għal taħriġ inklużivi għal kulħadd, inkluż għal dawk l-aktar vulnerabbli. Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar kontijiet individwali tal-apprendiment<sup>31</sup>, adottata bħala wieħed mir-riżultati tanġibbli tal-Aġenda għall-Ħiliet, tippermetti u tagħti s-setgħa lill-individwi jipparteċipaw f'taħriġ rilevanti għas-suq tax-xogħol u tiffaċilita l-aċċess tagħhom għall-impjiegi jew iż-żamma fihom. Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023 proposta se tiffoka ulterjorment fuq il-ħiliet, fl-istadji kollha tal-ħajja.

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni intitolata “Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja”<sup>32</sup> hija bbażata fuq il-prinċipju tal-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni rinnovata u tal-aċċessibbiltà tagħha, u b'hekk tikkontribwixxi għall-għan li tiġi ggarantita akkomodazzjoni adegwata għall-popolazzjoni vulnerabbli, speċjalment permezz tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Faqar Enerġetiku<sup>33</sup>.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika<sup>34</sup> tistabbilixxi gwida speċifika sabiex tgħin lill-Istati Membri jimplimentaw pakketti ta' politika li jiżguraw tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika komprensivament, b'attenzjoni partikolari għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

Il-Pjan REPowerEU<sup>35</sup> jitlob miżuri mmirati biex tiġi minimizzata l-volatilità, biex il-prezzijiet jinżammu taħt kontroll u biex jiġu protetti l-individwi li huma f'faqar jew f'riskju ta' faqar (enerġetiku) sabiex jiġu żgurati benefiċċji fit-tul ta' tranżizzjoni ġusta għall-enerġija u eliminazzjoni gradwali rapida tal-fjuwils fossili Russi.

Proposta tal-Kummissjoni għal Regolament dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija<sup>36</sup> tfittex li tindirizza ż-żidiet kbar fil-prezzijiet tal-enerġija billi tnaqqas il-konsum tal-elettriku fl-Istati Membri u billi taqsam il-profitti eċċeżżjonali tal-

<sup>29</sup> <https://ec.europa.eu/social/main.jsp?catId=738&langId=mt&pubId=8376&furtherPubs=yes>

<sup>30</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza”, COM/2020/274 final.

<sup>31</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar kontijiet individwali tal-apprendiment (ĠU C 243, 27.6.2022).

<sup>32</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni “Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja”, COM(2020) 662 final.

<sup>33</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1563 tal-14 ta' Ottubru 2020 dwar “Il-faqar enerġetiku”, (ĠU L 357, 27.10.2020).

<sup>34</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2022 dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika (ĠU C 247, 27.6.2022).

<sup>35</sup> COM/2022/230 final, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Pjan REPowerEU.

<sup>36</sup> Proposta għal Regolament tal-Kunsill dwar intervent ta' emerġenza biex jiġu indirizzati l-prezzijiet għoljin tal-enerġija, COM(2022) 473 final.

produtturi tal-enerġija ma' dawk li jeħtieġu l-ġhajjnuna, inklużi l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

Il-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali<sup>37</sup> jgħin lill-ekonomija soċjali tirnexxi, billi tisfrutta l-potenzjal ekonomiku u tal-ħolqien tax-xogħol tagħha, kif ukoll il-kontribut tagħha għal irkupru ġust u inklużiv, u għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Din il-proposta tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

### **• Bażi ġuridika**

Ir-rakkomandazzjoni proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 292 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala l-bażi legali proċedurali flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (j), tat-TFUE bħala l-bażi ġuridika sostanzjali.

L-Artikolu 153(1)(j) jippermetti lill-Unjoni tappoġġa u tikkomplementa l-attivitajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali. Il-proposta se tikkontribwixxi għal dan l-oġġettiv permezz tal-promozzjoni tal-appoġġ għall-introjtu f'livell li jippermetti li jkun hemm ħajja dinjituża, flimkien ma' aċċess effettiv għal servizzi u għal miżuri ta' sostenn u essenzjali li jappoġġaw l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu.

L-użu tal-bażi sostanzjali tal-Artikolu 153(1)(j) huwa limitat, l-ewwel nett, mill-Artikolu 153(2)(a) peress li jippermetti biss miżuri mfasslin sabiex iħeġġu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, bl-esklużjoni ta' kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 153(4), id-dispożizzjonijiet kollha adottati skont l-Artikolu 153 jeħtieġu li r-Rakkomandazzjoni (i) ma taffettwax id-dritt tal-Istati Membri li jiddefinixxu l-prinċipji fundamentali tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom; (ii) ma taffettwax konsiderevolment l-ekwilibriju finanzjarju ta' dawn is-sistemi.

### **• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-politika dwar l-impjiegi u l-protezzjoni soċjali tibqa' primarjament responsabbiltà tal-Istati Membri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Billi bdiet bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE u bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/442/KEE dwar il-konverġenza tal-oġġettivi u tal-politiki tal-protezzjoni soċjali<sup>38</sup>, l-Unjoni ħadet azzjoni fil-qasam tal-protezzjoni soċjali, filwaqt li bniet fuq kunsens li s-suq uniku dejjem aktar approfondit għandu jiġi kkomplementat b'solidarjetà soċjali u b'konverġenza fil-politiki dwar il-protezzjoni soċjali bejn l-Istati Membri.

Filwaqt li l-Istati Membri kollha adottaw riformi fil-qasam tal-introjtu minimu, l-evidenza turi li hemm lok għal titjib fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri sabiex jindirizzaw l-isfidi identifikati b'mod integrat. Id-diskrepanzi fit-twettiq effettiv tal-introjtu minimu u tal-miżuri ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol iżidu r-riskji għall-benessri tal-individwi affettwati u tal-familji tagħhom li jġarrbu inċertezza ekonomika akbar u jnaqqsu l-livelli kumplessivi ta' impjieg fl-ekonomija. Il-problema ta' appoġġ inadegwat għall-introjtu u ta' aċċess insuffiċjenti għas-servizzi ta' appoġġ għal sehem konsiderevoli ta' popolazzjoni għandha

<sup>37</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies: pian ta' azzjoni għall-ekonomija soċjali", COM(2021) 778 final.

<sup>38</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/442/KEE tas-27 ta' Lulju 1992 dwar il-konverġenza tal-oġġettivi u tal-politiki tal-protezzjoni soċjali (Nru L 245 / 49).

konsegwenzi negattivi fuq il-ġustizzja soċjali u fuq it-tkabbir sostenibbli. L-inattività persistenti u t-tbeġħid mis-suq tax-xogħol iwasslu għal erożjoni tal-ħiliet u għal forza tax-xogħol ta' kwalità inferjuri u anqas produttiva. Dan huwa xprunatur qawwi tal-esklużjoni soċjali u tal-faqar u ostaklu għall-kisba tal-miri ewlenin għall-2030. Kif muri fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-proposta, il-mira dwar it-tnaqqis tal-faqar x'aktarx li ma tintlaħaqx fis-snin li ġejjin sakemm l-Istati Membri ma jnaqqis is-sistemi ta' protezzjoni soċjali u ta' inklużjoni soċjali tagħhom, filwaqt li l-mira tal-impjieg tirrikjedi politiki ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol aktar effettivi.

Minħabba r-riskju ta' nuqqas ta' azzjoni (jew ta' azzjoni insuffiċjenti), fid-dawl tax-xejriet tal-passat u tal-isfidi soċjali li ġejjin u tal-apprendiment reċiproku potenzjali fost l-Istati Membri, l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni tajba sabiex issaħħaħ l-isforzi u tkun minn ta' quddiem, filwaqt li tirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri fil-qasam tal-protezzjoni soċjali. L-azzjoni tal-Unjoni tista' tgħin sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jimxu fl-istess direzzjoni fl-istess ħin, filwaqt li jippromwovu konverġenza 'l fuq fi ħdan u fost l-Istati Membri, li tirriżulta f'soċjetajiet aktar ekwi u koeżivi.

- **Proporzjonalità**

Il-miżuri proposti f'din ir-Rakkomandazzjoni huma proporzjonali għall-oġġettivi fil-mira. Il-proposta tappoġġa x-xbieki ta' sikurezza soċjali u l-introjt minimu li diġà jeżistu fl-Istati Membri u tikkomplementa l-isforzi tal-Istati Membri fil-qasam tal-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali u tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' individwi żvantaġġati. L-azzjoni proposta tirrispetta l-prattiki tal-Istati Membri u d-diversità tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom. Tirrikonoxxi li sitwazzjonijiet nazzjonali, reġjonali jew lokali differenti jistgħu jwasslu għal differenzi fil-mod kif tiġi implimentata r-Rakkomandazzjoni u tippermetti lill-Istati Membri jagħmlu użu mir-Rakkomandazzjoni skont il-kuntest speċifiku tagħhom. Il-proporzjonalità wkoll kellha rwol ewlieni fil-gwida tal-għażla tal-istrument.

- **Għażla tal-istrument**

L-istrument huwa proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill, li tirrispetta l-prinċipji tas-sussidjarjetà u tal-proporzjonalità. Tkompli tibni fuq il-korp eżistenti tad-dritt tal-Unjoni u hija allinjata mat-tip ta' strumenti disponibbli għall-azzjoni tal-Unjoni fl-oqsma tal-politika soċjali u dwar l-impjieg. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill se tipprovdi lill-Istati Membri bi gwida speċifika dwar il-perkors għar-riforma, filwaqt li tħalli għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri l-adattament ta' miżuri għall-istituzzjonijiet nazzjonali u l-mudelli ta' twassil. Din tistabbilixxi miżuri li għandhom jiġu kkunsidrati mill-Istati Membri u tipprovdi bażi b'saħħitha għall-kooperazzjoni fil-livell tal-Unjoni f'dan il-qasam, filwaqt li tirrispetta bis-siħ il-kompetenza tal-Istati Membri fl-oqsma ta' politika rilevanti. Ladarba tiġi adottata, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE se tiġi ssostitwita b'din ir-Rakkomandazzjoni.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Fl-1999, il-Kummissjoni sottomettiet rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE<sup>39</sup>. Ir-rapport ikkonferma r-rwol essenzjali tal-

---

<sup>39</sup> Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE tal-24 ta' Ġunju

introjtu minimu bħala mekkaniżmu finali tax-xibka ta' sikurezza. Ikkonkluda li r-Rakkomandazzjoni kienet għenet sabiex torganizza u tistimula d-dibattitu bejn l-Istati Membri dwar ir-rwol u l-iżvilupp tal-introjtu minimu u li kienet rawmet il-konverġenza madwar l-Istati Membri. Ir-rapport jgħid li għad hemm differenzi notevoli fil-mod kif jiffunzjona l-introjtu minimu; sa liema estent u għal kemm ikopru l-bżonnijiet essenzjali u kif inhuma marbutin ma' miżuri ohrain ta' appoġġ soċjali u għall-impjiegi.

Fl-2013, il-Kummissjoni rieżaminat l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE<sup>40</sup>. Il-valutazzjoni kkonfermat il-validita' tal-approċċ ta' inklużjoni attiva, iżda rrikonoxxiet li l-progress fl-implimentazzjoni tiegħu fil-livell nazzjonali kien relattivament limitat. Enfasizzat sfidi speċifiċi relatati mat-tliet oqsma ta' inklużjoni attiva, bħal: (i) adegwatezza baxxa, nuqqas ta' użu u kopertura limitata tal-appoġġ għall-introjtu, (ii) faqar fost dawk li jaħdmu u diżinċentivi potenzjali li jirriżultaw minn sistemi ta' taxa u ta' benefiċċji u (iii) aċċess problematiku għal servizzi ta' kwalita' f'numru ta' Stati Membri, partikolarment għar-Rom, għall-migranti u għall-persuni b'diżabilita'. Barra minn hekk, l-isfidi ta' koordinazzjoni fil-livell lokali u l-kompetenzi mifruxin fil-livelli ta' politika xekkl u l-implimentazzjoni.

Fl-2017 sar rieżami ieħor tal-progress fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE<sup>41</sup>. Is-sejbiet ta' dik il-valutazzjoni enfasizzaw l-importanza ta' miżuri ta' politika integrati u komprensivi għall-persuni żvantaġġati. Huma talbu għal enfasi aktar qawwija fuq appoġġ adegwat għall-inklużjoni soċjali ta' persuni li ma jistgħux jaħdmu u enfasizzaw il-ħtieġa għal kooperazzjoni mill-qrib fost il-partijiet konċernati u l-involviment attiv tas-sħab rilevanti kollha.

Ir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet tqiesu matul it-tnejn ta' din il-proposta.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati**

Il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati matul żewġ perjodi. Bejn l-14 ta' Jannar u t-30 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjoni pubblika dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (inkluż dwar il-prinċipju 14)<sup>42</sup> li kkontribwiet għat-tiswir tal-kontenut ta' din il-proposta. Barra minn hekk, bejn il-5 ta' Jannar u l-5 ta' Mejju fl-2022, il-Kummissjoni wettqet konsultazzjonijiet immirati dwar l-inizjattiva nnifisha. Dawk il-konsultazzjonijiet, prinċipalment dibattiti tematiċi, saru mas-sħab soċjali, mal-organizzazzjonijiet tas-soċjeta' ċivili, mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u mal-Kumitat tal-Impjiegi, mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, man-Network Ewropew tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi, mal-Kumitat tar-Reġjuni, maż-żgħażagħ, mar-riċerkaturi u mal-akkademja. Il-partijiet konċernati kollha setgħu jipparteċipaw fis-sejħa għal evidenza, li dwarha ġew sottomessi 75 kontribut individwali u 33 dokument ta' pożizzjoni, prinċipalment mis-soċjeta' ċivili, minn ċittadini, kif ukoll minn assoċjazzjonijiet tan-negozju, mill-akkademja, minn trade unions u minn awtoritajiet pubbliċi.

---

1992 dwar kriterji komuni li jikkonċernaw riżorsi suffiċjenti u assistenza soċjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali (COM(1998) 774 final).

<sup>40</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Segwitu dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol – Lejn approċċ ta' investment soċjali, SWD(2013) 39 final.

<sup>41</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol, SWD(2017) 257 final.

<sup>42</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, SWD(2021)46 final.

Il-maġġoranza tal-partijiet konċernati kienet favur inizjattiva tal-Unjoni mmirata lejn it-tiġid tal-qafas attwali. Ħafna minnhom tennew li l-introjti minimi huma interkonnessi ma' miżuri oħrajn ta' appoġġ u, bħala tali, għandhom jitqiesu bħala parti minn sistemi usa' ta' protezzjoni soċjali, li huma mfasslin u implimentati fil-livell nazzjonali. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tipprovdi gwida fil-livell tal-Unjoni, filwaqt li tħalli l-implimentazzjoni f'idejn l-Istati Membri, ġeneralment issemmiet bħala l-aktar strument idoneu. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet konċernati tennew l-importanza ta' approċċ ta' inklużjoni attiva li jagħti s-setgħa, li jinkludi appoġġ għall-introjtu, swieq tax-xogħol inklużivi, inklużjoni soċjali u aċċess għal servizzi ta' kwalità. Sabiex l-approċċ ikun effettiv, sistema ta' governanza adegwata għandha tappoġġa l-kooperazzjoni ta' atturi differenti fuq livelli vertikali u orizzontali. Għal dan l-għan, ħafna partijiet konċernati tennew l-importanza tal-atturi lokali, inkluż il-fornituri ta' servizzi u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u rakkomandaw li dawn l-atturi jsiru parti mis-sistemi ta' governanza. Dwar l-adeqwatezza, il-biċċa l-kbira tal-partijiet konċernati qablu li l-livell ta' appoġġ għall-introjtu għandu jiġi stabbilit għal jew oġġla mis-soll nazzjonali tal-faqar sabiex tiġi żgurata ħaġġa dinjituża. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet konċernati indikaw il-ħtieġa ta' sistemi ta' monitoraġġ robusti sabiex jappoġġaw implimentazzjoni effettiva tar-Rakkomandazzjoni.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-bażi tal-evidenza biex issostni l-inizjattiva tinkludi:

- Studju ta' esplorazzjoni li jappoġġa d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal intitolat "Filling in the knowledge gaps and identifying strengths and challenges in the effectiveness of the EU Member States' minimum income schemes". L-għan tal-istudju kien li: (i) jiġbor *data* dwar l-introjtu minimu nazzjonali madwar l-Unjoni; (ii) jidentifika l-aspetti pożittivi u l-isfidi tal-effettività tal-introjtu minimu; u (iii) jivvaluta l-impatti ta' miżuri differenti mmirati lejn it-titjib tal-effettività tagħhom, inkluż l-attivazzjoni u l-aċċess għas-servizzi.
- L-immudellar tal-impatti ta' alternattivi ta' politika magħżulin fl-għoti ta' appoġġ adegwat għall-introjtu mwettaq miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.
- Qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar l-introjtu minimu miġmiegħ fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali li identifika tliet lievi ta' politika li x'aktarx jaffettwaw il-prestazzjoni tal-introjtu minimu: (i) l-adeqwatezza tal-benefiċċji, (ii) ir-regoli tal-eliġibbiltà u l-użu tal-benefiċċji, u (iii) l-miżuri ta' attivazzjoni u l-aċċess għas-servizzi. Il-qafas identifika selezzjoni ta' indikaturi tal-eżitu, tal-prestazzjoni u tal-lievi ta' politika, inkluż indikatur doppju għall-adeqwatezza tal-appoġġ monetarju għall-introjtu: (i) bħala sehem mis-soll nazzjonali tar-riskju ta' faqar fl-Istat Membru konċernat; u (ii) bħala sehem mill-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa, definit bħala persuna li taqla' 50 % tal-paga medja.
- Fuq il-bażi tal-qafas ta' parametraġġ referenzjarju, ir-rapport konġunt tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Kummissjoni jipprovdi ħarsa ġenerali lejn is-sitwazzjoni attwali dwar l-introjtu minimu.
- Il-Monitoraġġ tal-Prestazzjoni tal-Protezzjoni Soċjali (MPPS), li jidentifika x-xejriet soċjali ewlenin annwali li għandhom jiġu osservati madwar l-Unjoni u l-isfidi soċjali ewlenin u l-eżiti soċjali tajbin fi ħdan l-Istati Membri individwali.
- **Valutazzjoni tal-impatt**

L-istrument propost – Rakkomandazzjoni tal-Kunsill – jagħti lill-Istati Membri biżżejjed flessibbiltà sabiex jiddeterminaw kif l-aħjar jintlaħqu l-oġġettivi ta' din l-inizjattiva, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi nazzjonali, reġjonali jew lokali. Peress li l-impatt potenzjali jiddependi

fuq azzjonijiet konkreti meħudin mill-Istati Membri, valutazzjoni tal-impatt sħiħa ma tistax tivvaluta bis-sħiħ l-impatt mistenni qabel ma jsiru l-għażliet ta' implimentazzjoni mill-Istati Membri.

Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanjah jinkludi ħarsa ġenerali lejn l-aktar sfidi importanti fir-rigward tal-prestazzjoni tal-introjtu minimu. Jinkludi wkoll analiżi tal-impatt tar-riformi ta' politika possibbli fuq it-tnaqqis tal-faqar.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta tikkontribwixxi għas-salvagwardja tad-dritt għal ħajja dinjituża (l-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, il-“Karta”), għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u għas-servizzi soċjali, għall-assistenza soċjali u għall-akkomodazzjoni u għall-eżistenza diċenti ta' dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi (l-Artikolu 34 tal-Karta).

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

Mhux applikabbli.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-  
evalwazzjoni u r-rapportar**

L-Istati Membri se jirrapportaw regolarment lill-Kummissjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Ir-Rakkomandazzjoni tistabbilixxi wkoll perjodu għal implimentazzjoni progressiva, sal-aħħar tal-2030, tad-dispożizzjoni rilevanti għall-adegwatezza tal-appoġġ għall-introjtu. Ir-rapporti dwar il-progress għandhom jiġu diskussi fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tal-Impjiegi u man-network ta' Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi fir-rigward tal-aċċess għal swieq tax-xogħol inklużivi.

Fuq il-bażi tar-rapporti dwar il-progress nazzjonali, se jitfasslu rapporti konġunti regolari tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u tal-Kummissjoni fil-livell tal-Unjoni. Il-Kummissjoni se timmonitorja regolarment ukoll l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew u toħroġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi, kif xieraq.

Il-Kummissjoni għandha wkoll l-għan li taħdem flimkien mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali sabiex tiżviluppa aktar il-qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar l-iskemi ta' introjtu minimu biex issostni l-monitoraġġ ta' din ir-Rakkomandazzjoni u sabiex ittejjeb id-disponibbiltà u l-komparabbiltà tal-indikaturi rilevanti.

Il-Kummissjoni għandha l-għan li tirrieżamina l-azzjonijiet meħudin b'reazzjoni għar-Rakkomandazzjoni proposta, partikolarment fir-rigward tal-impatt tagħhom fuq it-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, fuq iż-żieda fl-impjiegi u fuq it-titjib tal-ħiliet, u tirrapporta lill-Kunsill sal-2032. Fuq il-bażi tar-riżultati tar-rieżami, il-Kummissjoni tista' tikkunsidra li tagħmel aktar proposti.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Paragrafu 1 jindika l-objettiv ta' din ir-Rakkomandazzjoni.

Il-Paragrafu 2 jinkludi definizzjonijiet li għandhom jiġu applikati għall-fini tar-Rakkomandazzjoni.

Il-Paragrafu 3 jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżviluppaw xbieki ta' sikurezza soċjali robusti permezz ta' approċċ integrat li jgħaqqad l-appoġġ għall-introjtu, l-inċentivi u l-appoġġ għal (ri)integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u għall-aċċess għas-servizzi.

Il-Paragrafi 4 sa 7 jirrakkomandaw lill-Istati Membri biex jiżguraw l-adeqwatezza tal-appoġġ għall-introjtu billi jiddefinixxu metodoloġija trasparenti għall-istabbiliment u għar-rieżami tal-livell ta' appoġġ għall-introjtu, filwaqt li jipproponu valuri ta' referenza li jiggwidaw il-valutazzjoni tal-adeqwatezza u jirrakkomandaw aġġustamenti annwali tal-appoġġ għall-introjtu. Speċifikament, il-Paragrafu 6 jistieden lill-Istati Membri sabiex progressivament jiksbu l-adeqwatezza tal-appoġġ għall-introjtu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2030.

Il-Paragrafu 8 jirrakkomanda li l-Istati Membri jipprevedu l-possibbiltà li jitolbu li l-appoġġ għall-introjtu jiġi pprovdut lil membri individwali tal-unità domestika, mingħajr ma neċessarjament iżidu l-livell kumplessiv tal-benefiċċji riċevuti mill-unità domestika.

Il-Paragrafu 9 jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw kopertura komprensiva ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti bl-introjtu minimu, fost l-oħrajn permezz ta' kriterji ta' eliġibbiltà mhux diskriminatorji u ttestjar proporzjonat tal-mezzi;

Il-Paragrafu 10 jirrakkomanda li l-Istati Membri jħeġġu l-adozzjoni sħiħa tal-introjtu minimu, inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' applikazzjoni, it-tnaqqis tal-ostakli amministrattivi u l-ġħoti ta' informazzjoni aċċessibbli lir-riċevituri potenzjali;

Il-Paragrafu 11 jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw inċentivi xierqa għar-riċevituri ta' introjtu minimu sabiex jiġu (ri)integrati fis-suq tax-xogħol, u jiżguraw swieq tax-xogħol inklużivi u rati għoljin ta' impjegi, inkluż permezz ta' investimenti fil-kapital uman u ħiliet, is-salvagwardja tal-inċentivi għax-xogħol, appoġġ lill-impjegaturi u ffaċilitar tal-opportunitajiet tax-xogħol fis-settur tal-ekonomija soċjali;

Il-Paragrafu 12 jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżguraw aċċess effettiv għal servizzi ta' sostenn u essenzjali billi jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-aċċess għas-servizzi essenzjali (inkluż l-enerġija) u jindirizzaw l-ostakli għall-aċċess għas-servizzi;

Il-Paragrafu 13 jirrakkomanda li l-Istati Membri jiżviluppaw approċċi individwalizzati sabiex jindirizzaw diversi ostakli għall-inklużjoni soċjali u għall-impjegi li jiffaċċjaw persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi.

Il-Paragrafi 14 sa 15 jirrakkomandaw li l-Istati Membri jistabbilixxu sistemi effettivi ta' governanza u ta' monitoraġġ u jirrapportaw regolarment lill-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni;

Il-Paragrafu 16 jistieden lill-Kummissjoni taħdem aktar mal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar il-qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar l-iskemi ta' introjtu minimu u ttejjeb id-disponibbiltà u l-komparabbiltà tad-*data* rilevanti. Tirrakkomanda wkoll li l-Kummissjoni u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali jirrieżaminaw regolarment il-progress fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni u jirrapportaw lill-Kunsill sal-2032.

Proposta għal

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL**

**Dwar introjtu minimu adegwat li jiżgura l-inklużjoni attiva**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 292, flimkien mal-Artikolu 153(1), il-punt (j) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Bl-għan li tiġi żgurata haġja dinjituża fl-istadji kollha tal-ħajja, din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tiġġieled il-faqar u l-esklużjoni soċjali u li ssegwi livelli għoljin ta' impjiegi billi tippromwovi appoġġ adegwat għall-introjtu u aċċess effettiv għas-servizzi ta' sostenn u essenzjali għal persuni li ma għandhomx riżorsi suffiċjenti u billi trawwem l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu.
- (2) Skont l-Artikolu 151 tat-TFUE, l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom bħala l-oġġettivi tagħhom, fost l-oħrajn, il-promozzjoni tal-impjiegi, kundizzjonijiet imtejbin tal-għajxien u tax-xogħol, protezzjoni soċjali xierqa u l-ġlieda kontra l-esklużjoni soċjali.
- (3) L-Artikolu 1 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea ("il-Karta") jirrikonoxxi u jirrispetta l-intitolamenti għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u għas-servizzi soċjali. Il-Karta tipprevedi wkoll li kull min jirrisjedi u jmur minn post għal ieħor legalment fl-Unjoni jkun intitolat għall-benefiċċji tas-sigurtà soċjali u għall-vantaġġi soċjali u li, sabiex jiġu miġġielda l-esklużjoni soċjali u l-faqar, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt għall-assistenza soċjali u għall-akkomodazzjoni sabiex tiżgura eżistenza deċenti għal dawk kollha li ma jkollhomx biżżejjed riżorsi.
- (4) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar kriterji komuni li jikkonċernaw riżorsi suffiċjenti u assistenza soċjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali<sup>43</sup> tistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu d-dritt bażiku ta' persuna li jkollha riżorsi u assistenza soċjali suffiċjenti sabiex tgħix b'mod kompatibbli mad-dinjità tal-bniedem, bħala parti minn sforz komprensiv u konsistenti sabiex tiġi miġġielda l-esklużjoni soċjali, u tirrakkomanda li s-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom jiġu adattati, kif ikun neċessarju. Fid-dawl tal-kontenut ta' din ir-Rakkomandazzjoni, huwa xieraq li r-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE tiġi s-sostitwita.
- (5) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol<sup>44</sup> tistabbilixxi strateġija komprensiva biex tiffaċilita l-integrazzjoni f'impjiegi sostenibbli u ta' kwalità ta'

<sup>43</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 92/441/KEE tal-24 ta' Ġunju 1992 dwar kriterji komuni li jikkonċernaw riżorsi suffiċjenti u assistenza soċjali fis-sistemi ta' protezzjoni soċjali (ĠU L 245, 26.8.1992).

<sup>44</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE tat-3 ta' Ottubru 2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol (ĠU L 307, 18.11.2008).

dawk li jistgħu jaħdmu, u biex tipprovdi riżorsi li jkunu biżżejjed biex jgħixu haġja dinjituża, flimkien ma' appoġġ għall-parteciżazzjoni soċjali, għal dawk li ma jistgħux. Dan l-approċċ integrat, ibbażat fuq taħlita ta' tliet ferġat ta' politika: appoġġ adegwat għall-introjtu, swieq tax-xogħol inklużivi u aċċess għal servizzi ta' kwalità, huwa partikolarment importanti għall-persuni l-aktar imbegħdin mis-suq tax-xogħol jew esklużi mis-soċjetà.

- (6) F'Novembru 2017, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni pproklamaw il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, fejn stabbilew 20 prinċipju sabiex jiġu appoġġati swieq tax-xogħol u sistemi ta' protezzjoni soċjali ġusti u li jiffunzjonaw sew. Il-prinċipju 14 jiddikjara li “Kull min ma għandux riżorsi suffiċjenti għandu d-dritt għal benefiċċji ta' introjtu minimu adegwati li jiżguraw haġja f'dinjità fl-istadji kollha tal-haġja, u għal aċċess effettiv li jippermetti prodotti u servizzi. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, il-benefiċċji ta' introjtu minimu għandhom jitħalltu ma' inċentivi għal (ri)integrazzjoni fis-suq tax-xogħol”.
- (7) Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali<sup>45</sup> (“il-Pjan ta' Azzjoni”) jistabbilixxi l-ambizzjoni għal Unjoni soċjali b'saħħha. F'Ġunju 2021, il-Kunsill Ewropew, f'konformità mad-Dikjarazzjoni ta' Porto<sup>46</sup>, laqa' l-mira soċjali tal-Unjoni dwar il-faqar li skont din in-numru ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali għandu jitnaqqas b'tal-anqas 15-il miljun<sup>47</sup> sal-2030, inklużi tal-anqas 5 miljun tifel u tifla. Il-Kunsill Ewropew laqa' wkoll il-miri ewlenin dwar l-impjiegi, ta' mill-inqas 78 % tal-persuni bejn 20 u 64 sena fl-impjiegi, u l-ħiliet, ta' mill-inqas 60 % tal-adulti kollha li għandhom jipparteċipaw fit-taħriġ kull sena. F'Ġunju 2022, l-Istati Membri ppreżentaw il-miri nazzjonali tagħhom. Tabella ta' valutazzjoni soċjali riveduta u qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar l-introjtu minimu, maqbulin mill-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, isaħħu l-bażi analitika tas-Semestru Ewropew, tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi u tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi.
- (8) L-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u l-għanijiet ta' appoġġ tagħha jenfasizzaw li t-tkabbir ekonomiku sostenibbli jrid jimxi id f'id mal-qerda tal-faqar u deprivażjonijiet oħrajn, tnaqqis tal-inugwaljanzi u aċċess imtejjeb għas-saħħa, l-educazzjoni u l-impjiegi.
- (9) Il-Parlament Ewropew, fir-Riżoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ottubru 2017<sup>48</sup>, talab lill-Istati Membri jintroduċu introjtu minimu adegwat, filwaqt li enfażizza r-rwol tal-protezzjoni tal-introjtu minimu bħala għodda għall-ġlieda kontra l-faqar. Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-12 ta' Ottubru 2020<sup>49</sup>, il-Kunsill stieden lill-Kummissjoni sabiex tibda aġġornament tal-qafas tal-Unjoni sabiex tappoġġa u tikkomplementa effettivament il-politiki tal-Istati Membri dwar il-protezzjoni tal-introjtu minimu nazzjonali. Matul il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, iċ-ċittadini talbu qafas komuni tal-Unjoni dwar l-introjtu minimu<sup>50</sup>.

<sup>45</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni “Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali” (COM/2021/102 final).

<sup>46</sup> <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/05/08/the-porto-declaration/>

<sup>47</sup> Meta mqabblin mal-2019.

<sup>48</sup> Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-24 ta' Ottubru 2017 dwar il-politiki dwar l-introjtu minimu bħala għodda biex jiġi ttrattat il-faqar (2016/2270(INI)).

<sup>49</sup> Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Ottubru 2020 “It-Tisħiħ tal-Protezzjoni tal-Introjtu Minimu għall-Ġlieda Kontra l-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali matul il-Pandemija tal-COVID-19 u Lil Hinn Minnha”.

<sup>50</sup> Il-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, rapport dwar l-eżitu finali, Mejju 2022, p. 58.

- (10) Din ir-Rakkomandazzjoni tibni fuq is-sejbiet tal-valutazzjonijiet tal-Kummissjoni<sup>51</sup> li rieżaminaw il-progress miksub fl-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni 2008/867/KE. Il-valutazzjonijiet ikkonfermaw il-validità tal-approċċ ta' inklużjoni attiva, iżda enfasizzaw sfidi speċifiċi relatati, fost l-oħrajn, ma' adegwatezza baxxa, ma' adozzjoni limitata u ma' kopertura limitata tal-introjtu minimu, ma' diżinċentivi potenzjali li jirriżultaw minn sistemi ta' taxxa u ta' benefiċċji u ma' aċċess problematiku għal servizzi ta' kwalità li jrawmu l-inklużjoni soċjali u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol. Talbu wkoll enfasi akbar fuq appoġġ adegwat għall-inklużjoni soċjali ta' persuni li ma jistgħux jaħdmu.
- (11) Minkejja xi progress miksub fit-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali fl-Unjoni f'dawn l-aħħar għaxar snin, fl-2021, aktar minn 95,4 miljun persuna għadhom fir-riskju u r-riskju kien ogħla għan-nisa milli għall-irġiel. Żieda fir-riskju tal-faqar għal persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi (kważi) mingħajr impjeg u deterjorament fil-profondità u fil-persistenza tal-faqar f'ħafna Stati Membri, flimkien ma' tnaqqis fl-impatt tat-trasferimenti soċjali fuq it-tnaqqis tal-faqar, qed joħlqu preokkupazzjonijiet. L-Unjoni u l-Istati Membri tagħha għandhom jagħmlu aktar sabiex jgħinu lill-aktar persuni vulnerabbli u żvantaġġati u għandhom jagħmlu dan b'mod aktar effiċjenti.
- (12) L-impjiegi ta' kwalità u sostenibbli huma l-aħjar mod kif wieħed joħroġ mill-faqar u mill-esklużjoni soċjali. Fl-istess ħin, l-iżguraw li jkun hemm aktar nies fis-suq tax-xogħol jikkontribwixxi għall-finanzjament tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali u jsaħħaħ is-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom, filwaqt li jikkontribwixxi għall-ġustizzja interġenerazzjonali u jippromwovi l-koeżjoni soċjali. Sabiex jintlaħqu livelli ogħla ta' impjeg, huwa ta' importanza kbira li n-nies jiġu appoġġati fi tranżizzjonijiet ta' suċċess fis-suq tax-xogħol.
- (13) Il-vantaġġi soċjali u ekonomiċi ta' xbieki ta' sikurezza soċjali adegwati u mmirati saru saħansitra aktar importanti matul il-lockdowns marbutin mal-pandemija tal-COVID-19. Il-miżuri ta' trażżin kellhom impatt sproporzjonat fuq in-nisa u fuq il-gruppi żvantaġġati, partikolarment f'termini ta' aċċess għall-kura tas-saħħa, kemm għal raġunijiet fiżiċi kif ukoll għal raġunijiet ta' saħħa mentali, għall-edukazzjoni u għal servizzi rilevanti, u b'hekk aggravaw ukoll il-limitazzjonijiet preeżistenti fl-aċċess għall-impjiegi<sup>52</sup>. It-tagħlimiet meħuda mill-kriżi enfasizzaw ukoll l-importanza ta' sistemi ta' protezzjoni soċjali adegwati, komprensivi u reżiljenti li huma strumenti risponsivi għax-xokkijiet u preventivi li jappoġġaw l-irkupru.
- (14) Ix-xejriet makroekonomiċi assoċjati mal-globalizzazzjoni, mat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, mat-tibdil demografiku u mat-tibdil fix-xejriet tax-xogħol ikomplu jsawru l-Unjoni. Xbieki ta' sikurezza soċjali komprensivi u robusti, li jiżguraw appoġġ adegwat għall-introjtu u jiffaċilitaw it-tranżizzjonijiet tas-suq tax-xogħol, inkluż appoġġ għat-taħriġ mill-ġdid u t-titjib tal-ħiliet, jistgħu jgħinu sabiex daww il-proċessi jkunu ġusti u inklużivi. Il-bidliet fix-xejriet tal-karriera, flimkien ma' żieda fil-forom mhux standard ta' impjeg, jistgħu jagħmluha aktar diffiċli għal persuni b'introjtu baxx sabiex jikkwalifikaw bl-għan li jaċċessaw sistemi ta' protezzjoni soċjali bbażati fuq l-

<sup>51</sup> Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni Segwitu dwar l-implimentazzjoni mill-Istati Membri tar-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol – Lejn approċċ ta' investment soċjali, SWD(2013) 39 final. Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-2008 dwar l-inklużjoni attiva tan-nies esklużi mis-suq tax-xogħol, SWD(2017) 257 final.

<sup>52</sup> Ir-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi 2022.

assigurazzjoni u jistgħu jwasslu għal domanda akbar għal miżuri alternattivi ta' appoġġ, bħall-introjtu minimu. Barra minn hekk, wara l-gwerra ta' aggressjoni mhux ġustifikata u illegali mir-Russja kontra l-Ukrajna, iż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija u sussegwentement fl-inflazzjoni qed taffettwa unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u medju inferjuri. Il-miżuri ta' introjtu jistgħu jkunu mmirati lejn gruppi vulnerabbli u huma kompatibbli mal-preservazzjoni tal-inċentivi sabiex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tittejjeb l-effiċjenza enerġetika.

- (15) L-enfasi ta' din ir-Rakkomandazzjoni hija fuq "persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti" li tfisser persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'riżorsi monetarji u materjali insuffiċjenti, irregolari jew inċerti, li huma indispensabbli għas-saħħa u għall-benessri tagħhom u għall-parteċipazzjoni fil-ħajja ekonomika u soċjali. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, xbieki ta' sikurezza soċjali robusti jridu jiffaċilitaw (ri)integrizzjoni fis-suq tax-xogħol permezz ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol, appoġġ fit-tfittix ta' impjieg, edukazzjoni u taħriġ. Għal kulħadd fil-bżonn, inklużi dawk li ma jistgħux jaħdmu, jiżguraw appoġġ adegwat għall-introjtu u servizzi ta' sostenn. Għalhekk, ix-xbieki ta' sikurezza soċjali ma humiex għodda passiva iżda jaġixxu, kemm jista' jkun, bħala xprunatur għall-integrizzjoni soċjoekonomika u għall-mobbiltà soċjali għall-aħjar, u b'hekk itejbu l-inklużjoni u l-prospetti tal-impjieg.
- (16) Ix-xbieki ta' sikurezza soċjali jinkludu firxa ta' benefiċċji monetarji u *in natura* li jipprovdu appoġġ għall-introjtu u aċċess għas-servizzi ta' sostenn u essenzjali. Komponent importanti tal-appoġġ għall-introjtu huwa l-benefiċċji tal-introjtu minimu, definiti bħala benefiċċji monetarji mhux kontributorji tal-aħħar rikors li għandhom l-għan li jeliminaw il-lakuna sabiex jintlaħaq ċertu livell ta' introjtu kumplessiv f'unità domestika partikolari meta sorsi oħrajn ta' introjtu jew ta' benefiċċji jkunu ġew eżawriti jew ma jkunux adegwati sabiex jiżguraw ħajja dinjituża. L-appoġġ għall-introjtu jista' jinkludi wkoll benefiċċji monetarji oħrajn bħal benefiċċji tat-tfal u tal-familja, benefiċċji għall-akkomodazzjoni, benefiċċji tal-qgħad, benefiċċji tad-diżabilità, benefiċċji marbutin mal-età jew benefiċċji relatati max-xogħol. Jista' jissupplimenta wkoll l-pensjonijiet minimi u l-introjtu mix-xogħol.
- (17) L-introjtu minimu huwa element ewlieni tal-istrategġija għall-ħruġ mill-faqar u mill-esklużjoni u jista' jaġixxi bħala stabbilizzatur awtomatiku. Fi żminijiet ta' kriżi ekonomika, jista' jikkontribwixxi għall-appoġġ ta' rkupru sostenibbli u inklużiv, jgħin sabiex jittaffa t-tnaqqis fl-introjtu tal-unitajiet domestiċi u jrażżan il-livelli ta' persuni f'riskju ta' faqar jew ta' esklużjoni soċjali. Għal dawk li jistgħu jaħdmu, l-introjtu minimu jinkludi inċentivi adegwati u kundizzjonalità adattata u proporzjonata għal (ri)integrizzjoni fis-suq tax-xogħol. Fl-istess ħin, l-introjtu minimu għandu jiffassal flimkien ma' inċentivi għax-xogħol sabiex jiġu evitati effetti ta' istereżi fis-suq tax-xogħol u sabiex jiġu appoġġati livelli għoljin ta' impjieg.
- (18) Il-benefiċċji *in natura* jistgħu jipprovdu appoġġ immirat għal persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti sabiex jiffaċilitaw l-aċċess tagħhom għal servizzi speċifiċi bħall-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal<sup>53</sup>, il-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, l-akkomodazzjoni soċjali, l-impjieg u t-taħriġ.
- (19) Impenji akbar sabiex jiġu implimentati xbieki ta' sikurezza soċjali integrati u robusti għandhom il-potenzjal mhux biss li jtejjbu l-eżiti soċjali u tas-saħħa għal dawk l-aktar imbegħdin mis-suq tax-xogħol, iżda wkoll li jinkisbu benefiċċji soċjali u ekonomiċi

<sup>53</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1004 tal-14 ta' Ġunju 2021 li tistabbilixxi Garanzija Ewropea għat-Tfal (ĠU L 223, 22.6.2021).

dejjema għall-Unjoni, tingħata spinta lill-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u tirriżulta f' soċjetajiet aktar ekwi, koeżivi u reżiljenti. Huma meħtieġa sforzi kontinwi sabiex jittejjeb l-aċċess ta' persuni b' introjtu baxx għas-sistema ta' protezzjoni soċjali bbażata fuq l-assigurazzjoni sabiex tgħinhom jiksbu drittijiet ta' protezzjoni soċjali, partikolarment permezz tal-iffaċilitar ta' impjegi ta' kwalità, u sabiex jiġi kkoordinat l-għoti ta' appoġġ għall-introjtu skont l-iskemi rispettivi. Dawn ix-xbieki tas-sikurezza għandhom jgħinu wkoll biex jizjed l-aċċess għall-kura tas-saħħa u ikel tajjeb għas-saħħa għal dawk fil-faqar. L-Istati Membri għandhom ifittxu li jżidu l-effettività u l-effiċjenza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, inkluż fl-appoġġ tal-aċċess għas-suq tax-xogħol, kumplessivament sabiex jipprevjenu li n-nies jaqgħu fil-faqar jew ikollhom bżonn jiddependu fuq introjtu minimu fit-tul.

- (20) Għalkemm l-Istati Membri kollha għandhom xbieki ta' sikurezza soċjali fis-seħħ, il-progress sabiex isiru aċċessibbli u adegwati kien irregolari. Id-disinn ivarja fost l-Istati Membri, u jirrifletti tradizzjonijiet nazzjonali differenti u l-arkitettura kumplessiva tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, iżda l-Istati Membri jiffaċċjaw sfidi simili. Filwaqt li seħħet xi konverġenza, ir-riformi adottati s'issa mhux dejjem kienu biżżejjed jew l-implimentazzjoni tagħhom kienet bil-mod, kif rifless mir-rakkomandazzjonijiet rilevanti dejjema speċifiċi għall-pajjiżi maħruġin fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Il-pjanijiet nazzjonali taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jipprevedu appoġġ għar-riformi u għall-investimenti fl-Istati Membri kkonċernati sabiex isaħħu l-effettività, it-tfassil u r-reżiljenza tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali tagħhom, inkluż permezz tat-titjib tat-tfassil tal-introjtu minimu u l-iżgurar ta' konverġenza 'l fuq fl-adegwatezza u fil-kopertura tiegħu. Diversi investimenti jiffokaw ukoll fuq il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku u fuq it-titjib tal-aċċess għas-servizzi essenzjali għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli.
- (21) L-appoġġ għall-introjtu jitqies adegwat meta jiżgura haġja dinjituża fl-istadji kollha tal-haġja. Metodoloġija soda u trasparenti għall-iffissar u għall-aġġustament tal-appoġġ għall-introjtu f' intervalli regolari, informata mill-indikaturi rilevanti u mill-kontabbiltà għall-bżonnijiet speċifiċi tal-unità domestika, hija neċessarja sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza tal-appoġġ għal introjtu kumplessiv. Il-valuri ta' referenza, bħas-soll nazzjonali tar-riskju ta' faqar jew il-metodoloġiji bbażati fuq basket ta' oġġetti u ta' servizzi definit fil-livell nazzjonali li jirriflettu l-għoli tal-haġja fi Stat Membru partikolari jew f'reġjun partikolari, jistgħu jgħinu sabiex jiggwidaw il-valutazzjoni tal-adegwatezza. L-adegwatezza tista' parametrata wkoll mal-introjtu mix-xogħol, bħall-introjtu ta' ħaddiem b'paga baxxa jew ta' ħaddiem b'paga minima. Filwaqt li huwa evidenti li l-introjtu mix-xogħol (diġà fil-livell tal-paga minima) għandu jkun ogħla mill-introjtu mill-benefiċċji, ma hemm l-ebda evidenza ta' impatt negattiv sinifikanti bħala medja fuq il-probabbiltà li persuni li jirċievu appoġġ għal introjtu minimu jsibu impjieg. Minħabba d-disparitajiet fl-adegwatezza bejn il-pajjiżi, l-Istati Membri għandhom jiksbu livelli adegwati tal-appoġġ għal introjtu kumplessiv b'mod progressiv. Il-benefiċċji jridu jinżammu f'konformità mal-inflazzjoni (speċjalment tal-ikel u tal-enerġija), maż-żidiet fl-għoli tal-haġja u mal-iżviluppi fil-pagi.
- (22) Il-kriterji ta' eliġibbiltà tal-introjtu minimu jistgħu jkunu ostaklu għall-aċċess minn ċerti gruppi. Fil-prinċipju, it-tfal huma koperti bħala parti mill-unità domestika. Madankollu, is-soll tal-età stabbilit għal applikanti ta' aktar minn 18-il sena jista' jillimita l-aċċess għal adulti żgħażagħ. Ir-restrizzjonijiet relatati mat-tul minimu tar-residenza legali jistgħu jillimitaw l-aċċess għal persuni barranin, filwaqt li n-nuqqas ta' indirizz permanenti jagħmilha diffiċli li persuni mingħajr dar jew minn persuni li jgħixu f'żoni żvantaġġati jibbenefikaw minn introjtu minimu (eż. f'insedjamenti tar-

- Rom). Filwaqt li l-ittestjar tal-mezzi huwa element essenzjali sabiex jiġi żgurat l-immirar xieraq tal-introjtu minimu, tista' tirriżulta wkoll kopertura insuffiċjenti meta soll għall-valur totali massimu tal-introjtu u tal-assi matul l-ittestjar tal-mezzi jiġi stabbilit f'livell baxx, u b'hekk jeskludi lil xi unitajiet domestiċi anki jekk ikunu foqra.
- (23) Għandhom jiġu indirizzati l-lakuni fil-kopertura mill-introjtu minimu u l-kontinwità tal-kopertura matul fażijiet differenti tal-ħajja għandha tiġi żgurata billi jiġu stabbiliti kriterji ta' aċċess trasparenti u mhux diskriminatorji. L-età, l-eżistenza ta' indirizz permanenti jew ir-reqwizit ta' residenza legali ftul sproporzjonat ma għandhomx jiffirmaw ostaklu għall-aċċess ta' introjtu minimu. Is-sollijiet għall-ittestjar tal-mezzi għandhom jirriflettu ħajja dinjituża għal tipi u għal daqsijiet differenti ta' unitajiet domestiċi fi Stat Membru partikolari. Il-qligħ baxx mix-xogħol (bħal introjti ta' darba jew irregolari) għandu jiġi ttrattat proporzjonalment fl-ittestjar tal-mezzi b'mod li jissalvagwardja l-inċentivi għax-xogħol u ma jeskludix lill-atturi milli jieħdu benefiċċji (possibbilment aktar baxxi). L-aċċess għall-introjtu minimu jeħtieġ li jingħata malajr u l-intitolament għandu jkun mingħajr limitu dment li l-applikanti jkomplu jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà, soġġetti għal rieżamijiet perjoċiċi.
- (24) Fi żminijiet ta' reċessjonijiet ekonomiċi, il-flessibbiltà fit-tfassil tal-introjtu minimu, inkluż permezz ta' aċċess simplifikat temporanjament, jista' jkollha rwol importanti sabiex ittaffi l-konsegwenzi soċjali negattivi u taqdi rwol ta' stabilizzazzjoni fl-ekonomija. Il-miżuri ta' konsolidazzjoni fiskali li jirriżultaw fit-tnaqqis tal-livelli ta' protezzjoni aktar milli fit-tiġib tal-effettività tal-iskemi għandhom jintużaw biss bħala l-aħħar alternattiva possibbli, flimkien ma' valutazzjoni tal-impatt distribuzzjonali sabiex jiġu mmitigati l-effetti avversi fuq daww l-aktar żvantaġġati.
- (25) Piż amministrattiv sproporzjonat, nuqqas ta' għarfien jew biża' ta' stigmatizzazzjoni jew diskriminazzjoni tista' twassal sabiex daww eliġibbli għal introjtu minimu ma jitolbux aċċess għalih. L-evitar ta' skemi frammentati, l-iżgurar ta' aċċessibbiltà u ta' sempliċità kumplessiva tal-proċeduri ta' applikazzjoni u l-għoti ta' appoġġ amministrattiv lill-applikanti potenzjali jistgħu jżidu l-użu tal-introjtu minimu. Huma meħtieġa aktar miżuri sabiex jiġi żgurat l-użu tal-introjtu minimu minn unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu, prinċipalment immexxijin min-nisa. Barra minn hekk, l-isforzi sabiex jintlaħqu n-nies għandhom jimmiraw partikolarment żoni soċjalment imċaħħdin u l-aktar unitajiet domestiċi emarġinati, inklużi r-Rom. L-aċċessibbiltà baxxa tal-għodod diġitali jew in-nuqqas ta' ħiliet għall-użu tagħhom jistgħu jikkostitwixxu wkoll ostaklu għal aċċess effettiv, inkluż għal persuni b'diżabilità. Il-monitoraġġ u l-analiżi regolari tad-*data* rilevanti jistgħu jgħinu sabiex wieħed jifhem il-kawżi tan-nuqqas ta' użu u sabiex jittejjeb ir-rispons tal-politika.
- (26) Filwaqt li l-ittestjar tal-mezzi jsir fil-livell tal-unitajiet domestiċi, spiss ma jqisx il-pożizzjoni tal-individwi fi ħdan l-unità domestika, il-kondiviżjoni mhux ugwali potenzjali tal-introjtu tal-familja u x-xewqa għall-awtonomija. Dan jaffettwa partikolarment lin-nisa peress li huma aktar probabbli li jkollhom introjtu aktar baxx, paga aktar baxxa u responsabbiltajiet akbar ta' kura. Mingħajr ma neċessarjament jizjed il-livell kumplessiv tal-benefiċċji riċevuti mill-unità domestika, is-soluzzjonijiet li jiffaċilitaw ir-riċevuta ta' appoġġ għall-introjtu minn membri individwali tal-unità domestika jistgħu jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-indipendenza ekonomika u għas-sigurtà tal-introjtu tan-nisa u tal-adulti żgħażaġh.
- (27) It-tisħiħ ta' swieq tax-xogħol inklużivi aċċessibbli għal kulħadd huwa importanti sabiex tiġi mmitigata d-dipendenza fuq terminu twil fuq l-appoġġ għall-introjtu. Ir-

rekviziti ta' attivazzjoni u l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol jistgħu jħeġġu sforzi akbar għat-tfittix ta' impjieg u l-aċċettazzjoni ta' offerti ta' impjieg, meta jiġu inklużi servizzi ta' appoġġ bħal konsulenza, ikkowċjar u għajnuna għat-tfittix ta' impjieg u miżuri sabiex jiġi żgurat bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Pont għall-Impjieg – it-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ<sup>54</sup>, għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-adulti żgħażaġh fir-riskju tal-faqar jew tal-esklużjoni soċjali billi jerġgħu jinġibdu lura lejn l-edukazzjoni, fit-taħriġ jew fis-suq tax-xogħol fl-iqsar żmien possibbli, filwaqt li r-riċevuta ta' appoġġ għall-introjtu għandha tkun marbuta ma' miżuri ta' attivazzjoni partikolarment b'saħħithom. F'konformità mal-Istrateġija għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità, għandha tingħata attenzjoni partikolari wkoll għall-bżonnijiet tal-persuni b'diżabilità. L-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, l-appoġġ u l-gwida personalizzati li jissodisfaw bżonnijiet speċifiċi, l-iżgurar ta' impjieg ta' kwalità, il-promozzjoni taż-żamma tal-impjieg u l-abilitazzjoni tal-avvanz jistgħu jappoġġaw it-tranżizzjoni għall-impjieg fost l-etajiet kollha. Ir-rieżamijiet regolari tal-inċentivi u tad-diżinċentivi li jirriżultaw mis-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji, l-eliminazzjoni gradwali tal-appoġġ għall-introjtu mal-bidu tal-impjieg jew il-possibbiltà li jiġi kkombinat mar-remunerazzjoni jistgħu jżidu l-introjtu disponibbli tal-unità domestika, u b'hekk jikkontribwixxu sabiex nagħmlu x-xogħol irodd, jitnaqqas il-faqar fost dawk li jaħdmu u jiġu inċentivati impjieg formali. Fl-istess ħin, il-benefiċċji fuq il-post tax-xogħol jeħtieġ li jiffasslu bir-reqqa sabiex jiġu evitati nases tal-pagi baxxi.

- (28) L-impjieg fl-ekonomija soċjali jistgħu jservu bħala pont lejn setturi oħrajn tas-suq tax-xogħol. L-iffaċilitar tat-tranżizzjoni lejn l-impjieg għandu jiġi appoġġat permezz tal-għoti ta' miżuri dedikati lill-impjegaturi, akkumpanjati minn inċentivi finanzjarji mmirati, fejn neċessarju.
- (29) Is-servizzi ta' inklużjoni soċjali, pereżempju l-ħidma soċjali, il-konsulenza, l-ikkowċjar, il-mentoraġġ, l-appoġġ psikoloġiku u diversi skemi ta' riabilitazzjoni, u miżuri li jiffaċilitaw l-aċċess għal servizzi ta' sostenn jew essenzjali oħrajn huma neċessarji wkoll sabiex jinbnew xbieki ta' sikurezza soċjali robusti. L-isforzi għandhom ikompli jtejbu wkoll il-kwalità tas-servizzi, f'konformità mal-Qafas Ewropew Volontarju ta' Kwalità għas-Servizzi Soċjali<sup>55</sup>, u sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-aċċess għal servizzi essenzjali. Għandhom jissaħħu wkoll il-miżuri sabiex jiġu indirizzati l-ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji li jxekklu l-aċċess ugwali u universali għas-servizzi.
- (30) Appoġġ aktar individwalizzat li għandu l-għan li jidentifika u jindirizza bżonnijiet kumplessi ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti u l-unitajiet domestiċi tagħhom jistgħu jikkontribwixxu konsiderevolment għall-integrazzjoni soċjali u ekonomika tagħhom b'suċċess. Valutazzjoni tal-bżonnijiet għandha tirriżulta fil-konklużjoni ta' pjan ta' inklużjoni adattat li jkopri persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi ta' unità domestika partikolari (individwalment jew konġuntement), li jiddetermina t-tip ta' appoġġ meħtieġ u l-oġettivi miftehmin. L-appoġġ għandu jinkludi miżuri ta' inklużjoni soċjali sekwenzjati kif xieraq jew miżuri attivi ta' politika tas-suq tax-xogħol, skont is-sitwazzjoni individwali u d-disponibbiltà għax-xogħol, filwaqt li jiġi

<sup>54</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-30 ta' Ottubru 2020 dwar Pont għall-Impjieg - It-tisħiħ tal-Garanzija għaż-Żgħażaġħ u li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' April 2013 dwar l-istabbiliment ta' Garanzija għaż-Żgħażaġħ (ĠU C 372, 4.11.2020).

<sup>55</sup> A voluntary European Quality Framework for Social Services”, SPC/2010/10 final.

żgurat bilanċ bejn inċentivi pożittivi u rekwiżiti ta' attivazzjoni<sup>56</sup>. Il-ftehimiet dwar l-integrazzjoni tal-impjiegi konklużi f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol<sup>57</sup> jistgħu jservu wkoll dan l-għan u, għalhekk, jistgħu jiġu rieżaminati jekk ikun meħtieġ sabiex jinkludu wkoll sett usa' ta' servizzi ta' sostenn għall-integrazzjoni ta' persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi.

- (31) Il-mekkaniżmi effettivi ta' governanza huma kruċjali sabiex jiġu pprovduti xbieki ta' sikurezza soċjali robusti. L-amministrazzjoni tal-benefiċċji u l-forniment ta' servizzi għandhom jisfruttaw l-għodod offriti mit-tranżizzjoni diġitali, filwaqt li jevitaw l-esklużjoni mid-distakk diġitali. Għandhom isiru sforzi sabiex jiġu żgurati koordinazzjoni u allinjament mill-qrib tal-iskemi u tal-benefiċċji eżistenti, kif ukoll il-koordinazzjoni tagħhom ma' politiki oħrajn. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għat-tisħiħ tal-kapaċità operazzjonali tal-istituzzjonijiet involuti kollha. L-iskambju ta' *data* u kooperazzjoni eqreb bejn livelli differenti ta' governanza u servizzi, inkluż permezz ta' ftehimiet formali jew punti uniċi ta' servizz, jiffaċilitaw appoġġ integrat aħjar. Monitoraġġ affidabbli u evalwazzjoni regolari tal-impatt tal-politika, bl-involvement tal-partijiet konċernati kollha, jistgħu jikkontribwixxu għal aktar effiċjenza, għal tfassil ta' politika informat u għal trasparenza mtejba tas-sistemi nazzjonali.
- (32) L-apprendiment reċiproku u l-iskambju tal-aħjar prattiki fil-livell tal-Unjoni flimkien ma' ħidma analitika sabiex jiġi elaborat aktar il-qafas eżistenti ta' parametraġġ referenzjarju tal-Unjoni dwar l-introjtu minimu, inkluż permezz tat-titjib tad-disponibbiltà u l-komparabbiltà tal-indikaturi rilevanti u r-regolarità tad-*data* għandhom jappoġġaw lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tar-riformi nazzjonali.
- (33) Il-fondi tal-Unjoni huma disponibbli sabiex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni. Fi ħdan il-Fond Soċjali Ewropew Plus<sup>58</sup>, kull Stat Membru għandu jalloka tal-anqas 25 % tal-Fond Soċjali Ewropew Plus għall-għieda kontra l-esklużjoni soċjali. Il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u InvestEU jistgħu jappoġġaw bl-istess mod investimenti fl-infrastruttura soċjali ta' sostenn, bħall-akkomodazzjoni soċjali u l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, kif ukoll it-tagħmir u l-aċċess għal servizzi ta' kwalità. L-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza diġà jappoġġaw lill-Istati Membri fit-tfassil u fl-implimentazzjoni ta' riformi strutturali fil-qasam tal-introjtu minimu.
- (34) L-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni ma tistax tintuża sabiex jitnaqqas il-livell ta' protezzjoni mil-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti jew kif spjegat fir-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE. L-Istati Membri huma mistiedna jintroduċu jew iżommu dispożizzjonijiet aktar favorevoli minn daww rakkomandati hawnhekk.
- (35) Is-sostenibbiltà kumplessiva tal-finanzi pubbliċi u l-finanzjament adegwat tal-introjtu minimu huma essenzjali għar-reżiljenza, għall-effiċjenza u għall-effettività tagħhom.

<sup>56</sup> L-evidenza turi li tfittix aktar attiv ta' impjeg twassal għal żieda fir-rata ta' impjeg, filwaqt li ma nstabet l-ebda evidenza għal effett pożittiv simili ta' regoli aktar stretti ta' sanzjonijiet fuq l-impjiegi. Ara: OECD, Does Demanding Activation Work? A Comparative Analysis of the Effects of Unemployment Benefit Conditionality on Employment in 21 Advanced Economies, 1980–2012.

<sup>57</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2016 dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol (ĠU C 67, 20.2.2016).

<sup>58</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/1057 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1296/2013, ĠU L 231, 30.6.2021.

L-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni ma għandhiex taffettwa konsiderevolment l-ekwilibriju finanzjarju tas-sistemi tal-protezzjoni soċjali tal-Istati Membri.

- (36) Il-valutazzjoni tal-impatti distribuzzjonali (minn hawn 'il quddiem "DIA") hija għodda utli sabiex jiġi identifikat l-impatt tal-miżuri baġitarji u ta' riformi u ta' investimenti oħrajn fuq gruppi ta' introjtu differenti, inkluż fuq dawk l-aktar żvantaġġati. Għalhekk, id-DIA tista' tikkontribwixxi għal tfassil aktar effiċjenti u effettiv tar-riformi tat-taxxa u tal-benefiċċji, filwaqt li tiżgura li ħadd ma jitħalla lura. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tipprovdwi gwida lill-Istati Membri dwar kif l-aħjar jinkorporaw id-DIA fil-proċessi tat-tfassil tal-politika tagħhom<sup>59</sup>.

## ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI

### OBJETTIV

- (1) Bl-għan li tiġi żgurata ħajja dinjituża fl-istadji kollha tal-ħajja, din ir-Rakkomandazzjoni timmira li tiġġielew il-faqar u l-esklużjoni soċjali billi tippromwovi appoġġ adegwat għall-introjtu, partikolarment l-introjtu minimu, aċċess effettiv għas-servizzi ta' sostenn u essenzjali għal persuni li ma għandhomx riżorsi suffiċjenti u billi trawwem l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol ta' dawk li jistgħu jaħdmu, f'konformità mal-approċċ ta' inklużjoni attiva.

### DEFINIZZJONIJIET

- (2) Għall-fini ta' din ir-Rakkomandazzjoni, għandhom japplikaw dawn id-definizzjonijiet:
- (a) "persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti" tfisser persuni li jgħixu f'unitajiet domestiċi b'riżorsi monetarji u materjali insuffiċjenti, irregolari jew inċerti, li huma indispensabbli għas-saħħa u għall-benessri tagħhom u għall-parteciċipazzjoni fil-ħajja ekonomika u soċjali;
  - (b) "appoġġ għall-introjtu" tfisser total tat-tipi kollha ta' benefiċċji monetarji pprovduti lill-unità domestika, inklużi benefiċċji tal-introjtu minimu;
  - (c) "introjtu minimu" tfisser xbieki ta' sikurezza mhux kontributorji u soġġetti għal testijiet tal-mezzi li joperaw fi ħdan is-sistemi ta' protezzjoni soċjali;
  - (d) "kopertura" tfisser l-intitolament għall-parteciċipazzjoni f'introjtu minimu kif definit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali;
  - (e) "użu" tfisser il-proporzjon ta' persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi intitolati li jipparteċipaw f'introjtu minimu li fil-fatt jieħdu sehem fihom;
  - (f) "servizzi ta' sostenn" tfisser servizzi mmirati lejn bżonnijiet speċifiċi ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti sabiex jiġi żgurat li jkunu jistgħu jintegraw fis-soċjetà u, fejn rilevanti, fis-suq tax-xogħol, inklużi servizzi ta' inklużjoni soċjali, pereżempju ħidma soċjali, konsulenza, ikkowċjar, mentoraġġ, appoġġ psikoloġiku, u riabilitazzjoni u servizzi ġenerali oħrajn ta'

<sup>59</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Valutazzjoni aħjar tal-valutazzjoni distribuzzjonali tal-politiki tal-Istati Membri", (pubblikazzjoni pendenti).

sostenn, inklużi l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, il-kura tas-saħħa, il-kura fit-tul, l-edukazzjoni u t-taħriġ, u l-akkomodazzjoni;

- (g) “servizzi essenzjali” jinkludu l-ilma, is-sanità, l-enerġija, it-trasport, is-servizzi finanzjarji u l-komunikazzjonijiet diġitali;
- (h) “aċċess effettiv għas-servizzi” tfisser sitwazzjoni fejn is-servizzi rilevanti jkunu faċilment disponibbli, affordabbli, aċċessibbli, ta’ kwalità tajba, ipprovduti f’waqthom u fejn l-utenti potenzjali jkollhom aċċess ugwali għalihom, ikunu konxji tal-eżistenza tagħhom, kif ukoll tal-intitolamenti sabiex jużawhom;
- (i) “pjan ta’ inklużjoni” tfisser ftehim jew sett ta’ ftehimiet konklużi ma’ persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi, li jimmiraw li jrawmu l-inklużjoni soċjali tagħhom u, għal dawk li jistgħu jaħdmu, l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

### ADEGWATEZZA TAL-APPOĠĠ GĦALL-INTROJTU

- (3) Huwa rrakkomandat lill-Istati Membri biex jiżviluppaw xbieki ta’ sikurezza soċjali robusti li jiggarrantixxu l-ħajja b’dinjità fl-istadji kollha tal-ħajja, li jikkombinaw appoġġ adegwat għall-introjtu - inklużi benefiċċji tal-introjtu minimu u benefiċċji monetarji oħrajn li jakkumpanjawhom - u benefiċċji *in natura*, li jagħtu aċċess għas-servizzi ta’ sostenn u essenzjali.
- (4) Sabiex jiġi żgurat appoġġ adegwat għall-introjtu, huwa rrakkomandat lill-Istati Membri biex jistabilixxu l-livell ta’ appoġġ għall-introjtu permezz ta’ metodoloġija trasparenti u robusta definita fil-leġiżlazzjoni u li tinvolvi lill-partijiet konċernati rilevanti. Il-metodoloġija għandha tqis is-sorsi tal-introjtu kumplessiv, il-bżonnijiet speċifiċi u s-sitwazzjonijiet żvantaġġati tal-unitajiet domestiċi, l-introjtu ta’ ħaddiem b’paga baxxa jew ta’ persuna b’paga minima, l-istandards tal-ġhajxien u l-kapaċità tal-akkwist, il-livelli tal-prezzijiet u l-iżviluppi relatati tagħhom.
- (5) Filwaqt li jiġu ssalvagwardjati l-inċentivi għal (ri)integrazzjoni fis-suq tax-xogħol għal dawk li jistgħu jaħdmu, l-appoġġ għall-introjtu għandu gradwalment iżid l-introjtu ta’ persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi, għal livell li jkun tal-anqas ekwivalenti għal wieħed minn dawn li ġejjin:
  - (a) is-soll nazzjonali tar-riskju ta’ faqar; jew
  - (b) il-valur fi flus tal-oġġetti u tas-servizzi neċessarji, inklużi nutrizzjoni adegwata, l-akkomodazzjoni, il-kura tas-saħħa u s-servizzi essenzjali, skont id-definizzjonijiet nazzjonali; jew
  - (c) livelli oħrajn komparabbli mal-livelli msemmijin fil-punt (a) jew (b), stabbiliti fid-dritt nazzjonali jew mill-prattika nazzjonali.
- (6) L-Istati Membri huma rrakkomandati jiksbu l-livell adegwat ta’ appoġġ għall-introjtu previst fil-paragrafu (5) sa mhux aktar tard mill-31 ta’ Diċembru 2030, filwaqt li jissalvagwardjaw is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi.
- (7) L-Istati Membri huma rrakkomandati li kull sena jirrieżaminaw u, fejn rilevanti, jaġġustaw il-livell ta’ appoġġ għall-introjtu sabiex iżommu l-adeqwatezza tiegħu, filwaqt li jqisu l-benefiċċji *in natura*.
- (8) Bl-għan li jiġu promossi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, is-sigurtà tal-introjtu u l-indipendenza ekonomika tan-nisa, tal-adulti zġażaġħ u ta’ persuni b’diżabilità, l-

Istati Membri huma rrakkomandati li jiżguraw il-possibbiltà li jitolbu l-appoġġ għall-introjtu li għandu jiġi pprovdut lil membri individwali tal-unità domestika.

#### KOPERTURA TAL-INTROJTU MINIMU

- (9) L-Istati Membri huma rrakkomandati jiżguraw li l-persuni kollha li ma għandhomx biżżejjed riżorsi jkunu koperti minn introjtu minimu stabbilit bil-liġi, billi jiddefinixxu:
- (a) kriterji ta' eliġibbiltà trasparenti u mhux diskriminatorji, li jissalvagwardjaw l-aċċess effettiv għall-introjtu minimu għall-adulti żgħażaġh u irrispettivament mill-eżistenza ta' indirizz permanenti, filwaqt li jiġi żgurat li t-tul tar-residenza legali jkun proporzjonat;
  - (b) sollijiet tal-ittestjar tal-mezzi li jirriflettu l-istandard tal-ġhajxien fi Stat Membru għal tipi u għal daqsijiet differenti tal-unitajiet domestiċi u jqisu t-tipi l-oħrajn ta' introjtu (u ta' assi) tal-unità domestika proporzjonalment;
  - (c) iż-żmien meħtieġ għall-proċessar tal-applikazzjoni, filwaqt li jiġi żgurat li d-deċiżjoni tinħareġ fi żmien 30 jum mis-sottomissjoni tagħha;
  - (d) il-kontinwità tal-aċċess għall-introjtu minimu sakemm il-persuni li ma jkollhomx biżżejjed riżorsi jikkonformaw mal-kriterji ta' eliġibbiltà, bi frekwenza regolari ta' rieżamijiet tal-eliġibbiltà; proċeduri sempliċi, rapidi, imparzjali u mingħajr ħlas għall-ilmenti u għall-appell, filwaqt li jiġi żgurat li l-persuni li ma jkollhomx riżorsi suffiċjenti jkunu informati u jkollhom aċċess effettiv għal proċeduri bħal dawn; mekkaniżmi li jiżguraw li l-introjtu minimu jkun sensittiv għal kriżijiet soċjoekonomiċi, pereżempju permezz ta' rilassament temporanju tal-kriterji ta' eliġibbiltà jew permezz tal-estensjoni tad-durata tal-benefiċċji.
  - (e)
  - (f)

#### UŻU TAL-INTROJTU MINIMU

- (10) Huwa rrakkomandat lill-Istati Membri biex iħeġġu l-użu sħiħ tal-introjtu minimu permezz ta':
- (a) tnaqqis tal-piż amministrattiv, inkluż permezz tas-simplifikazzjoni tal-proċeduri ta' applikazzjoni u l-iżgurar ta' gwida pass pass għal dawk li jeħtiġuha, filwaqt li tingħata attenzjoni għad-disponibbiltà ta' għodod diġitali u mhux diġitali;
  - (b) żgurar tal-aċċess għal informazzjoni faċli għall-utent, mingħajr ħlas, u aġġornata dwar id-drittijiet u l-obbligi relatati mal-introjtu minimu;
  - (c) lħuq proattiv tal-persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi sabiex iqajmu kuxjenza u jħeġġu l-użu, partikolarment tal-unitajiet domestiċi b'ġenitur waħdu, inkluż permezz tal-involvement tal-partijiet konċernati rilevanti fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali;
  - (d) teħid ta' passi sabiex jiġu miġġielda l-istigmatizzazzjoni u l-preġudizzju inkonsapevoli marbut mal-faqar u mal-esklużjoni soċjali;
  - (e) valutazzjoni regolari tan-nuqqas ta' użu tal-introjtu minimu u, fejn applikabbli, miżuri tal-miżuri relatati ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, identifikazzjoni tal-ostakli u implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' rimedju.

## ACCÈSS GĦAL SWIEQ TAX-XOGĦOL INKLUŻIVI

- (11) Bl-għan li jiġu promossi rati għoljin ta' impjieg u swieq tax-xogħol inklużivi, l-Istati Membri huma rakkomandati jiżguraw l-attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, ineħħu l-ostakli għad-dħul (mill-ġdid) u għaż-żamma fl-impjieg, jappoġġaw lin-nies li jistgħu jaħdmu fil-perkorsi tagħhom għal impjiegi ta' kwalità, jiżguraw inċentivi għax-xogħol, jindirizzaw il-faqar fost dawk li jaħdmu u s-segmentazzjoni tas-suq tax-xogħol, jinċentivaw l-impjieg formali, jiġġieldu x-xogħol mhux iddikjarat u jiffaċilitaw l-opportunitajiet tax-xogħol, billi:
- (a) jiżguraw li r-rekwiżiti ta' attivazzjoni jipprovdu biżżejjed inċentivi għad-dħul (mill-ġdid) fis-suq tax-xogħol, filwaqt li jkun graduwali u proporzjonati; jixħtu attenzjoni partikolari fuq l-adulti żgħażaġħ sabiex dawn jiġu diretti lura lejn l-edukazzjoni, it-taħriġ jew is-suq tax-xogħol fl-iqsar żmien possibbli;
  - (b) itejbu l-investment fil-kapital uman permezz ta' politiki inklużivi ta' edukazzjoni u ta' taħriġ, filwaqt li jappoġġaw it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, partikolarment ta' dawk b'livell baxx ta' ħiliet jew b'ħiliet skaduti, inkluż permezz ta' kooperazzjoni mas-sħab soċjali;
  - (c) jipprevedu l-possibbiltà li jiġi kkombinat l-appoġġ għall-introjtu mal-qligħ mix-xogħol, eliminazzjoni graduwali progressiva tal-appoġġ għall-introjtu jew iż-żamma tad-dritt għall-appoġġ għall-introjtu matul il-perjodi ta' prova jew it-traineeships u xogħol qasir jew sporadiku;
  - (d) jirrieżaminaw regolarment l-inċentivi u d-dizincantivi li jirriżultaw mis-sistemi tat-taxxa u tal-benefiċċji;
  - (e) jappoġġaw l-opportunitajiet tax-xogħol fis-settur tal-ekonomija soċjali, inkluż permezz tal-provvista ta' esperjenza Prattika tax-xogħol;
  - (f) jiffaċilitaw it-tranżizzjoni lejn l-impjiegi billi joffru miżuri lill-impjegaturi, bħal inċentivi għar-reklutaġġ, appoġġ ta' (post)postazzjoni, mentoraġġ, konsulenza, promozzjoni taż-żamma tal-impjiegi u tal-avvanz.

## ACCÈSS GĦAS-SERVIZZI TA' SOSTENN U ESSENZJALI

- (12) Huwa rakkomandat lill-Istati Membri biex jiżguraw:
- (a) l-aċċess effettiv u ugwali għas-servizzi ta' sostenn, inkluż f'konformità mal-prinċipji ta' kwalità definiti fil-Qafas Ewropew Volontarju għall-Kwalità għas-Servizzi Soċjali;
  - (b) is-salvagwardja tal-kontinwità tal-aċċess effettiv għas-servizzi essenzjali, inkluż l-enerġija;
  - (c) l-indirizzar ta' ostakli finanzjarji u mhux finanzjarji għall-aċċess effettiv għas-servizzi ta' sostenn u essenzjali.

## APPOĠĠ INDIVIDWALIZZAT

- (13) Bl-għan li jiġu indirizzati l-ostakli differenti ta' persuni neqsin minn riżorsi suffiċjenti għall-inklużjoni soċjali u, għal dawk li jistgħu jaħdmu, għall-impjiegi, huwa rakkomandat lill-Istati Membri biex jiżviluppaw approċċ individwalizzat u jikkoordinaw il-forniment ta' servizzi, billi:
- (a) iwettqu valutazzjoni multidimensjonali tal-bżonnijiet li teżamina l-ostakli għall-inklużjoni soċjali u għall-impjiegi, filwaqt li jidentifikaw is-servizzi ta'

sostenn u essenzjali neċessarji sabiex jindirizzaw dawk l-ostakli u jiddeterminaw l-appoġġ meħtieġ;

- (b) fuq dik il-bażi, mhux aktar tard minn tliet xhur mill-aċċess għall-introjtu minimu, ifasslu pjan ta' inklużjoni li jenħtieġ li
  - (1) jiddefinixxi l-oġġettivi u l-iskedi ta' żmien konġunti;
  - (2) jiddeskrivi pakkett ta' appoġġ adattat għall-bżonnijiet individwali, li jinkludi miżuri attivi tas-suq tax-xogħol u/jew miżuri li jrawmu l-inklużjoni soċjali;
  - (3) jassenja maniġer tal-każijiet li jiżgura appoġġ kontinwu, jorganizza riferimenti puntwali lis-servizzi rilevanti u jissorvelja regolarment il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' inklużjoni;
- (c) għall-persuni li ma għandhomx biżżejjed riżorsi li huma qiegħda fit-tul, jiġi rieżaminat u, fejn meħtieġ, adattat il-ftehim eżistenti ta' integrazzjoni f'impjieg f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-integrazzjoni tal-persuni li ilhom qiegħda fis-suq tax-xogħol<sup>60</sup> sabiex jiġi kkomplementat b'elementi tal-pjan ta' inklużjoni msemmi fil-punt (b).

## GOVERNANZA, MONITORAĠĠ U RAPPORTAR

- (14) Bil-ħsieb tat-tfassil u tal-implimentazzjoni effettivi ta' xbieki ta' sikurezza soċjali robusti fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali, huwa rrakkomandat lill-Istati Membri biex:
  - (a) jevitaw lakuni, dupplikazzjoni u frammentazzjoni tad-diversi benefiċċji u skemi sabiex jipprovdu pakkett koerenti ta' appoġġ għall-introjtu, miżuri ta' attivazzjoni u servizzi ta' sostenn;
  - (b) isaħħu l-kapaċità operazzjonali tal-awtoritajiet inkarigati mill-appoġġ għall-introjtu, tas-servizzi tal-impjiegi u tal-fornituri ta' servizzi ta' sostenn u jtejbju l-kooperazzjoni tagħhom, inkluż permezz tal-kondiviżjoni tad-*data* u l-promozzjoni ta' mudelli ta' servizzi integrati ulterjorment;
  - (c) jagħtu s-setgħa lill-partijiet konċernati rilevanti, bħall-awtoritajiet reġjonali u lokali, is-sħab soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u l-atturi tal-ekonomija soċjali, bil-ħsieb tal-parteċipazzjoni effettiva tagħhom fit-tfassil, fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fl-evalwazzjoni tal-iskemi tal-introjtu minimu;
  - (d) jiżguraw finanzjament adegwat tax-xbieki ta' sikurezza soċjali koerenti mas-sostenibbiltà kumplessiva tal-finanzi pubbliċi.
- (15) Sabiex it-tfassil tal-politika jkun informat aħjar, huwa rrakkomandat lill-Istati Membri biex:
  - (a) jimmonitorjaw kontinwament l-implimentazzjoni ta' politiki ta' appoġġ għall-introjtu, partikolarment l-introjtu minimu, u miżuri relatati ta' attivazzjoni tas-suq tax-xogħol, tal-aċċess għas-servizzi, inkluż permezz tat-titjib tad-disponibbiltà u l-kwalità tad-*data* rilevanti fil-livelli kollha ta' governanza u permezz tat-twettiq ta' evalwazzjonijiet regolari, u jagħmlu aġġustamenti sabiex jintlaħqu l-oġġettivi ta' din ir-Rakkomandazzjoni bl-aktar mod effiċjenti;

---

60

- (b) jiżviluppaw, filwaqt li jirrispettaw ir-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, mekkaniżmi li jippermettu li persuni jsegwu n-nuqqas ta' riżorsi suffiċjenti fir-rigward tal-inklużjoni soċjali tagħhom jew tat-tranżizzjoni għall-impjieg;
  - (c) jirrapportaw kull 3 snin lill-Kummissjoni dwar il-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni; l-ewwel rapport jenħtieġ li jkopri r-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjonijiet imsemmijin fil-punt (a).
- (16) Il-Kunsill bi pjaċir jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li:
- (a) taħdem flimkien mal-Istati Membri fil-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali sabiex telabora ulterjorment il-qafas ta' parametraġġ referenzjarju dwar l-introjt minimu u ttejjeb id-disponibbiltà u l-komparabbiltà tal-indikaturi u tad-*data* rilevanti;
  - (b) issaħħaħ l-apprendiment reċiproku u d-disseminazzjoni tar-riżultati u tal-prattiki tajbin fost l-Istati Membri;
  - (c) fuq il-bażi tar-rapporti msemmijin fil-paragrafu 15, il-punt (c), u fi ħdan il-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali, tirrieżamina regolarment il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kumitat tal-Impjiegi u man-network tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi fir-rigward tal-aċċess għal swieq tax-xogħol inklużivi;
  - (d) timmonitorja l-progress fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, u tipproponi, fejn xieraq, rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiżi lill-Istati Membri;
  - (e) tagħmel rendikont tal-azzjonijiet meħudin b'reazzjoni għal din ir-Rakkomandazzjoni, partikolarment fir-rigward tal-impatt tagħha fuq it-tnaqqis tal-faqar u tal-esklużjoni soċjali, taż-żieda fil-livelli ta' impjieg u tat-titjib tal-parteeċipazzjoni fit-taħriġ, u tirrapporta lill-Kunsill sal-2032.
- (17) Ir-Rakkomandazzjoni 92/441/KEE hija ssostitwita b'din ir-Rakkomandazzjoni.
- Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*